NEWSPAPER POST

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

# L-ANZJAN ILLUM

Nru. 76 Ottubru - Diċembru 2014

## IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JIFRAĦ U JAWGURA LILL-ANZJANI KOLLHA MALTIN U GĦAWDXIN FL-OKKAZJONI TAL-JUM INTERNAZZJONALI TAL-ANZJANI L-1 T'OTTUBRU 2014



## MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI, IS-SUR ANTON CREMONA, FL-OKKAZJONI TA' JUM L-ANZJANI

Ħbieb tiegħi, il-valur tal-anzjan hu bħal dak ta' bir mimli sa ruħ ommu bl-ilma f'nofs desert. L-anzjan hu mimli bl-għerf u bl-esperjenza tal-ħajja. Hija għal kollox żbaljata l-idea, jew l-impressjoni, li tingħata li l-anzjan qiegħed biex joqgħod bilqiegħda ma' oħrajn fuq xi bank sakemm jgħaddi l-ħin. Aħna, l-aktar li tgħallimna, mhux minn dawk li ġew warajna imma minn dawk li ġew qabilna.

Niftakar li, meta kont għadni żgħir, kont nisma' lill-anzjani jitkellmu u jirrakkuntaw. Sal-lum, għadni niftakar il-lingwaġġ u l-istejjer li kont nisma' u għadni nimxi fuq il-ħafna pariri siewja li tawni dawk li ġew qabli. Għalhekk, l-anzjan huwa riżors imprezzabbli għal kull ġeneru tal-lum u t'għada. Il-pariri tagħhna huma l-aktar siewja, mhux fi żmien ta' serenità, meta kollox hu ward u zgħar, imma fil-mumenti l-aktar diffiċli tal-ħajja. Aħna l-anzjani, għandna nħossuna daqslikieku konna kunsilliera tagħna nfusna u tal-oħrajn. Għandna nħeġġu fejn naraw it-tajjeb. Għandna nirriflettu fejn naraw li qiegħed isir ħażin. Inqisu lilna nfusna bħala ġenituri u nindukraw lilna nfusna u lill-anzjani sħabna biex nibqgħu fit-triq id-dritta u onesta. Imma, fuq kollox, għandna nibqgħu f'dik it-triq li twassalna għal dinjità aħjar. Għandna nwasslu dan il-messaġġ mhux biss lil uliedna imma anki lil dawk ta' madwarna. Għandna nagħrfu t-tajjeb tagħna. Għandna nuru s-solidarjetà ma' dawk l-aktar li huma fil-bżonn. Ma' uliedna, irridu nitkellmu u nuru t-tbatijiet li għaddejna minnhom sakemm rabbejnihom. Ma niddejqux nikkoreġu lil uliedna fejn naħsbu li t-triq hija mgħawġa u li se twassalhom fl-inkwiet.

Dan huwa l-messaġġ sinċier tiegħi għal dan il-Jum tal-Anzjani li qegħdin niċċelebraw. Ma nistax ma nwassalx l-awguri tiegħi, u ta' sħabi l-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, flimkien mal-isbaħ xewqat għal dan il-jum ta' festa lill-anzjani kollha Maltin u Għawdxin. Nieħu din l-okkazjoni biex nirringrazzja lil dawk kollha li jieħdu ħsieb l-anzjani tagħna; lin-*nurses* u lit-tobba għall-paċenzja li jieħdu, għad-dedikazzjoni tagħhom u għax-xogħol siewi kollu li jagħmlu magħhom.

Grazzi mill-qalb




*Living life to the full*

HILLTOP

GARDENS

*Villaġġ għall-Irtirar Uniku ġewwa Malta*

*Ftit passi 'l bogħod miċ-ċentru tan-Naxxar, Hilltop Gardens għandu l-għan li jieħu ħsieb l-għixien ta' residenti indipendenti u dependent fil-waqt li joffri:*

- Għixien ta kwalita` għolja;
- Kura ta' livell għoli;
- Sigurta` u serħan tal-moħħ;
- Għażla kbira ta' servizzi varji kemm li jiġu pprovduta f'lukandi kif ukoll oħrajn ta' kura u sapport;
- Stil ta' ħajja attiva`;
- Lussu bi prezz raġonevoli.

ĊEMPLILNA FUQ:
7943 2277 / 2143 2277

E-MAIL:
info@hilltopretirementliving.com

Il-proġett se jitlesta fl-aħħar kwart tal-2015.
L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu minn issa.

hilltopretirementliving.com

**'L-ANJAN ILLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Anthony Mule' Stagno
Charles Micallef

**Proof Reader:**
Charles Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anton Cremona

**Viċi President:**
Andrew Caruana

**Segretarju:**
Anthony Mulè Stagno

**Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Tony Mifsud

**Ass. Segretarja:**
Helen Mallia

**Membri:**
Doris Cassar
Renee Laiviera
Chev. Dr. H. Messina Ferrante
M.O.M.BChD,LDSRCS(Eng),FICD(USA),eċċ
Charles Micallef
Mary Anne Mizzi
Paul Muscat Terribile

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL PUBBLIKU**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
0900-1200

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjan Illum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**35, Triq il-Kapuċċini**
**Floriana FRN 1052**
**Tel: 21 243860 Fax: 21 249098**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, St. Paul Str., Valletta**

## *EDITORJAL*



# Ħbieb Anzjani Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Ħbieb Anzjani Insellmilkom. Din li, kull tliet xhur, għandek jew m'għandekx xi tgħid, trid tikteb faċċata bilfors kbira wisq! Kull editur jgħaddi minnha din u edituri oħrajn iħabbtu wiċċhom ma' din id-dilemma ta' kuljum ukoll. Kemm issib xi tgħid? Fl-aħħar kulħadd jinxef mill-wied tal-idejat. Anzi, tgħid xejn; kultant issib xi qaddis li jagħtik xi idea tajba. "Għax ma tiktibx xi ħaġa fuqek?" qalli wieħed. "Min hu, sewwasew, Vincent Piccinino, l-editur tal-fuljett *'L-Anzjan Illum'*?" Hekk tridu? Mela hekk nagħmlu imma mbagħad twaħħlux fija! Tlaqna!

Vincent Piccinino twieled f'numru 65/3, Triq San Nikola, il-Belt Valletta nhar l-Erbgħa, 4 ta' Lulju 1945, it-tielet wild minn fost 8 aħwa, ulied Pawlu u Annie Piccinino, xebba Catania. Ħa l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola ta' Sant Jiermu u f'dik tal-Baviera fil-Belt minn fejn, fl-1957, għadda għall-Iskola Sekondarja Teknika ta' San Ġużepp, ir-Raħal Ġdid. Hemmhekk, huwa rrepeta l-ewwel sena għax, bħal Winston Churchill qablu, weħel fil-matematika, suġġett li, iktar tard, sar iħobbu tgħidx kemm. Fl-1960, wara biss it-tieni sena ta' skola sekondarja, Vince iddeċieda li ma jkomplix iktar u beda jfittex ix-xogħol.

Imma fl-1962, iddispjaċih minn dak li għamel u beda kors ta' sentejn fil-*Bench-fitting & Machining* fil-*Government Industrial Training Centre* tal-Marsa minn fejn ħareġ bl-unuri tant li, fl-eżamijiet, ġie l-ewwel u, bħala premju, offrewlu mpjieg ta' *Machine Maintenance Mechanic* fil-fabbrika tar-*Wrangler* ġewwa San Ġwann. Wara sena, Vince tahom in-*notice* minn jeddu biex ikompli jistudja waħdu. Infatti mill-1965 'il quddiem, huwa rnexxielu jgħaddi minn 11-il *GCE 'O' Level* (inkluż il-matematika) u 4 *'A' Levels.* Qiegħed ngħid dan mhux bi ftaħir imma biex nuri li, fejn hemm ir-rieda, xejn mhu impossibbli! Sadanittant, biex ikun finanzjarjament indipendenti, għamel sena jaħdem bħala *Machine Mechanic* man-*Nylon Knitting* (dak iż-żmien ix-*Chatillon*) Ħal Qormi kif ukoll sena oħra bħala *Instructor* tat-*Technical Drawing* fl-iskola tal-apprentisti tat-Tarzna.

Bejn l-1967 u l-1969, attenda kors ta' għalliem fil-Kulleġġ ta' San Mikiel f'Ta' Ġiorni u għallem fl-iskejjel tal-istat għal għaxar snin sħaħ. Fl-1978, meta l-Gvern ħoloq l-iskema Ħaddiem-Student, Vince mar l-Università fejn, wara 5 snin, kiseb grad ta' *B.A. (Hons)* fl-Amministrazzjoni Pubblika u beda karriera fiċ-Ċivil. Matul dan iż-żmien, huwa attenda wkoll għadd ġmielu ta' korsijiet ta' taħriġ f'diversi materji ta' natura amministrattiva, kemm f'Malta kif ukoll barra. Bejn l-1996 u l-1998, serva bħala s-Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Dr Alfred Sant u rtira minn mal-Gvern bħala Direttur, *Finance & Administration* fid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni meta għalaq 61 sena fl-2006.

Tgħidux li Vince mħawwad; ikkumplikat iva imma mħawwad le. Pereżempju, Dumnikan minn ġuf ommu u rebaħ il-Gara Kateketika tal-Azzjoni Kattolika fuq San Pawl fl-1960; minkejja li weħel fil-matematika, ħatruh Direttur tal-Finanzi; għalkemm iżomm ma' San Duminku, il-kanzunetta tiegħu *'Mhux veru'* ġiet fit-tielet post f'Konkors Kanzunetta San Pawl fl-1991; u, għalkemm, kif kulħadd jaf, iżomm mal-*Manchester,* lil Vince insibuh attiv u jagħti daqqa t'id bħala Assistent Segretarju ma' *Tottenham Hotspur Malta Spurs*, fejn huwa wkoll l-Editur tal-*magazine,' The Cockerel'.* Huwa wkoll Assistent Segretarju tal-Għaqda Veterani Laburisti u Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani fejn hemm ukoll jokkupa l-kariga ta' Editur tal-fuljett, *'L-Anzjan Illum'*. F'Ġunju tal-2013, il-Gvern għoġbu jaħtru Membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Hekk! Issa tafu min jien! Sakemm nerġa' naħseb x'se naqbad ngħid, insellmilkom u nixtiqilkom is-saħħa u s-sliem.

# Programm ta' Ħidma 2014-15
# tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

# Anzjanità Attiva

## Jikteb - Trevor Żahra



Jien għamilt 33 sena għalliem iżda, għalkemm kont kuntent f'din il-karriera, kont dejjem noħlom li jfittex jasal iż-żmien li nirtira biex inkun nista' ninxteħet kompletament fuq il-kitba. Jiġifieri, illum, li jiena 'suppost' irtirat, qiegħed, fil-verità, inwettaq dak li dejjem kont naspira għalih.

Tul it-33 sena tiegħi l-iskola, jien kont ngħallem il-Malti u l-Arti. Għalhekk, minbarra l-interess fil-kitba, jien għandi wkoll dak fit-tpinġija. Dan kien għalija ta' siwi kbir għax il-kotba kollha li ppubblikajt, l-aktar dawk għat-tfal, ħdimtilhom jiena stess l-istampi kollha tagħhom. Proprju tul dawn l-aħħar 18-il xahar, inxtħitt naħdem fuq dizzjunarju viżiv u tematiku għat-tfal li għalih kelli npinġi 'l fuq minn elf stampa.

Minbarra fil-kitba, ir-riċerka u l-produzzjoni tal-kotba, ħini nqattgħu wkoll fi żjajjar f'diversi skejjel f'Malta u f'Għawdex. Inkun mistieden regolarment biex inkellem lit-tfal, għalliema u ġenituri dwar l-importanza tal-qari. Nagħmel ukoll *workshops* fit-teknika tal-kitba kreattiva. Xi snin ilu, tajt *workshops* bħal dawn f'*Wurzberg*, il-Ġermanja, fi Brussell u fil-Lussemburgu.

Iżda, minkejja dan kollu, l-aktar ħaġa għal qalbi hija l-qari. Inħobb ukoll iċ-ċinema, il-mużika klassika u t-teatru imma l-qari għandu f'qalbi post speċjali. Il-ġurnata tiegħi ma tkunx kompluta jekk ma naqrax imqar ftit paġni ta' letteratura kuljum.

Imma jkolli nistqarr li ftit li xejn jiena attiv fiżikament. Ngħix ħajja pjuttost sedentarja u, minkejja li fis-sajf infittex il-baħar, id-drawwa ta' mixja regolari qatt ma rnexxieli nrawwimha. Ir-rutina ddejjaqni u n-natura tiegħi malajr tirribella kontra attività kwotidjana li jkolli nagħmilha bilfors. Naħseb li jiena nista' nitqies bħala *workaholic*. Ħafna drabi, inqum mhux aktar tard mill-5.00 ta' filgħodu (u, meta nkun fil-qalba ta' xi proġett importanti, inqum anki qabel) minnufih nixgħel il-kompjuter u naqbad naħdem.

L-aktar fattur li nħossu jżommni nbaqbaq bil-ħajja huwa dak li moħħi dejjem għaddej minn proġett għal ieħor; nirriċerka l-ideat li jkolli, naħdem fuq drammi tiegħi li jkunu se jipproduċuli, nippjana serati ta' tnedija ta' kotba ġodda tiegħi, inżomm kuntatt mal-qarrejja tiegħi permezz tal-*facebook* u tal-*email*, naħdem fuq taħditiet li jkolli nagħti, programmi televiżivi li nkun mistieden għalihom u, f'kelma waħda, erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, għalija, mhumiex biżżejjed.

U, waqt li nagħmel dan kollu, inkun qed nirrilassa għax ir-rilassament tiegħi nsibu biss billi negħreq f'dak kollu li nħobb u li jagħtini sodisfazzjon.

---

## Tikteb Carmen Fearne



Illum għandi 76 sena. Għandi ħajja mimlija ħafna. Meta kont tifla, niftakarni nara ħafna nisa, konnha ngħidulhom 'xjuħ, bilqegħda fuq siġġu barra ħdejn il-bieb tad-dar. L-irġiel kienu jiltaqgħu f'xi ħanut żgħir jieħdu xi naqra kafè jew xi qatra nbid. Dak iż-żmien, ħafna anzjani kienu joqgħodu ma' uliedhom u dawn, għax kienu jirrispettawhom, ma kienu jħalluhom jagħmlu xejn biex, kif kienu jgħidu huma, iħalluhom jistrieħu, kif kien jixirqilhom. Illum, nitkellmu fuq 'anzjanitá attiva" jiġifieri anzjani li jibqgħu jagħmlu parti mis-soċjetá u jipparteċipaw fis-soċjetà. L-agħar ħaga li tista' tiġri lill-persuna li tkun tat l-enerġija kollha tagħha lis-socjetà hija li tħossha mwarrba, inutli u li qisha l-esperjenza li ġabret matul il-ħajja m'għadha tiswa' xejn.

Dan ħassejtu jien stess meta, ta' 61 sena, spiċċajt mix-xogħol li kelli mal-Gvern. L-ewwel xahar ħassejtni qisni reġina, inqum x'ħin irid, imur fejn nixtieq u nagħmel dak li nħoss li għandi nagħmel u li nieħu pjacir nagħmel. Però, wara ftit ġimgħat bdejt inħoss il-vojt f'ħajti u ddeċidejt li nagħmel xi ħaġa ta' siwi u ma noqgħodx nistenna l-ħin għaddej. Dan il-ħsieb li nagħmel xi ħaga bbażajtu fuq il-principji li dejjem ħaddant matul ħajti u li huma: l-ewwel nett, li l-familja tiġi l-ewwel u qabel kollox; it-tieni, li nżomm ħajti mimlija kemm jista' jkun, dejjem skont iċ-ċirkostanzi

tal-ħajja; it-tielet, li nkun ta' servizz għall-oħrajn; u, ir-raba, li ngħaddi dak kollu li għallmitni l-ħajja lil ħaddieħor u ma nħalliħx imut miegħi.

Fil-ħajja trid tkun prattiku u tagħraf dak li tista' tagħmel u anki l-limitu safejn tista' tasal. Għaldaqstant, meta rtirajna, jien u r-raġel imxejna minn dar kbira, għal *flat* komdu, kollox bl-elettriku, bir-*reverse osmosis* u *lift* sal-bieb. Hekk, aktar kemm nikbru, ikun aktar faċli u komdu għalina biex inkunu nistgħu nibqgħu ngħixu fil-komunitá. Wara dan, intfajt b'ruħi u b'ġismi fil-parroċċa ta' Marsaskala fejn ingħaqadt ma' ħafna gruppi. Kont nieħu ħsieb lil *pre-teens*, tfal u nisa u norganizza u nipparteċipa flimkien ma' oħrajn f'dak li jiġri fil-parroċċa.

Meta kelli 70 sena, numru ta' nies ħajruni noħroġ għall-Kunsill Lokali. Ġejt eletta u, għal 5 snin sħaħ, b'ħafna pjaċir u enerġija, kelli sehem fit-tfassil tal-ħajja tan-nies ta' Marsaskala. Grazzi ħafna lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali għax, għalkemm kont l-akbar waħda fosthom, għamluni waħda minnhom u qatt ma ħallewni nħoss ruħi anzjana. Billi spiċċajt il-karriera tiegħi fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni bħala *counsellor,* kont, u għadni, nagħmel *counselling* lil dawk kollha li jeħtiġuh. Illum, ta' 76 sena, immexxi l-Bord tat-Tfal tal-*Care Orders* li, għalkemm mhux xogħol faċli, itini ħafna sodisfazzjon. Għadni wkoll nagħmel xi xogħol fil-parroċċa. Nemmen li dawn l-attivitajiet, flimkien ma' ħafna oħrajn, żammewni ħajja s'issa. Erġajt iltqajt ma' ħafna nies li kont naħdem magħhom; għamilt ħbieb ġodda li magħhom inqatta' ħafna mumenti sbieħ u anki, xi kultant, ta' niket ukoll, bħal meta jimrad xi ħadd jew xi qarib jiġi nieqes. Però, id-dieqa malajr tissarraf f'sodisfazzjon meta niftakar li forsi kont ta' għajnuna għal dawn in-nies u anki meta niftakar kemm għamilt ħbieb ġodda u kemm tawni solliev meta jien kelli bżonnu. Dan kollu stajt nagħmlu għax dejjem sibt l-appoġġ mir-raġel u t-tfal tiegħi. Il-ħajja tagħna l-anzjani tkun aktar sabiħa u mimlija jekk inkunu involuti fil-ħajja tat-tfal u tal-familja.

L-esperjenza li l-anzjani jiksbu matul il-ħajja, narha bħalha waħda mill-pilastri tas-soċjetà u li hemm bżonn li tiġi utilizzata minn kullħadd, inkluż il-Gvern. Ix-xogħol li jagħmlu l-anzjani, kemm volontarju kif ukoll bi ħlas, jgħin lill-pajjiż ikompli jiżviluppa u jkabbar l-ekonomija. Kull anzjan jew anzjana jistgħu jagħtu sehem skont is-saħħa tagħhom u skont dak li kapaċi jagħmlu. Kull ħaġa żgħira tgħodd. L-anzjani għandhom, fuq kollox, ikunu ta' għajnuna għal xulxin.

Kuljum nirringrazzja lill-Mulej tas-saħħa li nqum biha u nemmen li, kull ġurnata li tingħata lilna, il-Mulej ikun għadu jrid xi ħaġa minnha. Dak li nagħmlu nkunu qed nagħmluh għalina u għall-oħrajn. Liż-żgħażagħ, li għad ikunu l-anzjani tal-futur, nixtieq ngħidilhom biex jirrispettaw lill-anzjani u jisimgħuhom. Infakkarhom x'jgħid il-proverbju Malti,'kliem ix-xiħ żomm fih'.

---

# Iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Anzjani fil-Ħamrun

**minn Maria Gladwish**
**Membru fiċ-Ċentru Attiv tal-Anzjani ġewwa l-Ħamrun**

Iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Anzjani li qiegħed fil-Ħamrun ilu mwaqqaf 19-il sena. Dan iċ-Ċentru huwa mmexxi mis-Sinjura Esther Psaila li, b'dedikazzjoni kbira u bl-għajnuna ta' tliet *helpers* ħabrieka, jagħmlu dak kollu li jkun hemm bżonn għall-anzjani li jattendu hemm. Infatti, f'dan iċ-Ċentru jattendu ħafna anzjani u huwa wieħed mill-aktar ċentri attivi f'Malta.

F'dan iċ-Ċentru jsiru wkoll attivitajiet kemm ta' natura spiritwali kif ukoll soċjali. Fost l-attivitajiet li nagħmlu, ikollna r-Rużarju ta' kuljum kif ukoll ħsieb spiritwali. Darba fil-ġimgħa, ikollna xi *talk* minn persuni differenti bħal katekisti, *nutritionists* u *physiotherapists.* Kultant, ikollna wkoll is-servizz ta' podoloġista. Fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, ikollna quddiesa u qrar. Għandna wkoll kor immexxi mis-Surmast ħabrieki Michael Angelo Chircop. Aħna nħobbu nkantaw kant li jfakkarna fiż-żmien meta konna għadna żgħar. B'dan il-kant, nieħdu gost aħna u anki nferrħu lil kull min jismagħna. Darba fil-ħmistax, ikollna xi eżerċizzji fiżiċi u anki lezzjonijiet tal-*line dancing.* Meta jkollna jum l-isport u anki f'jum l-anzjani, aħna nieħdu sehem u niżfnu u mhux l-ewwel darba li rbaħna xi tazza wkoll.

Fostna l-anzjani, hemm min għandu xi talent bħal dak tat-tpinġija u ġieli ħa sehem f'xi esebizzjonijiet tal-arti. Hemm ukoll min jaf jaħdem is-suf, tħit jew, saħansitra, anki jaqta' x-xagħar.

Matul ix-xahar, dejjem immorru xi ħarġa u, fis-Sajf, immorru sa Għawdex. Fil-Karnival, imbagħad, xi wħud minna jħobbu jilbsu xi kostum u, fl-Għid il-Kbir, nilbsu l-*Easter Bonnet* li nkunu żejjinna aħna stess. Darba f'xahar, ikollna wkoll *coffee morning* u tombla. Kultant, jiġu xi tfal tal-iskola u nagħmlu attivitajiet flimkien bħal *crafts.* Xi drabi, jiġu wkoll gruppi ta' persuni bi bżonnijiet speċjali u tgħidx kemm nieħdu gost inferrħuhom. Imma l-aktar ħaġa li tagħtina gost hi li, ta' kuljum, meta nkunu madwar il-mejda, waqt li nieklu xi platt sħun, noqgħodu nitkellmu flimkien u nifthu qalbna ma' xulxin.

Nixtieq nagħlaq din il-kitba billi, minn qalbi, nirringrazzja lil dawk kollha li, bi kwalunkwe mod, jagħtu s-sehem siewi tagħhom biex jagħmluna aktar ferħanin.

# Solidarjeta' bejn il-Ġenerazzjonijiet
## Attivita' Interġenerazzjonali f'Wied il-Għajn

**minn Tony Mifsud, Koordinatur,**
**Programm ta' Ħidma tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani 2014-2015**



Fl-1 ta' Mejju 2014, kif sar kull sena għal dawn l-aħħar snin, il-Grupp Spiritwali tal-Anzjani Nisa ta' Wied il-Għajn, flimkien ma' uliedhom u n-neputijiet tagħhom, organizzaw attività Marjana fil-Knisja Parrokkjali ta' Wied il-Għajn li fiha għamlu l-konsagrazzjoni tal-Grupp lill-Madonna.

In-neputijiet, fil-presenza tan-nannjiet u l-ġenituri tagħhom, inkurunaw l-Istatwa tal-Madonna. Qabel il-quddiesa, in-neputijiet subien u bniet, zgħar u kbar, telgħu lejn l-artal bil-bukketti ta' fjuri f'idejhom imbagħad qraw poeziji u kantaw innijiet ta' ferħ filwaqt li qegħdu kuruna kbira ta' fjuri fuq Ras il-Madonna u bukketti oħra zgħar quddiem l-Istatwa tal-Madonna. Fl-istess ħin, in-nanniet kollha telgħu ħdejn l-artal b'xema mixgħula f'idejh u poġġewha f'riġlejn il-Madonna.

Matul il-quddiesa, sar talb tal-okkażjoni u n-nanniet taw rigal tal-okkażjoni lin-neputijiet tagħhom. Min-naħa tagħhom, in-neputijiet taw lin-nanniet tagħhom bewsa u tgħanniqa ta' imħabba.

Matul ċ-ċelebrazzjonji, ħa sehem il-kor tat-tfal kompost minn ħafna min-neputijiet. Fl-aħħar taċ-ċelebrazzjoni, ittieħed ritratt tan-nanniet flimkien man-neputijiet tagħhom li wara ntbaghat lin-nanniet u lill-familji tan-neputijiet. L-okkazjoni kienet ċelebrazzjoni ta' solidarjetà bejn it-tliet ġenerazzjonijiet. Tony Mifsud, Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani u koordinatur tal-Programm ta' Ħidma tal-istess Kunsill, attenda għal din iċ-ċelebrazzjoni li saret f'Wied il-Għajn flimkien man-neputijiet tiegħu Marija, Klara u Karl.

---

## Kelmtejn ma' Helen
# Qatt mhu tard wisq

**Helen Mallia**
*Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani*



Kif aħna ħbieb? Nittama li kulħadd jinsab tajjeb. Illum, se nitkellem ftit magħkom dwar suġġett li huwa importanti ħafna għal kull wiħed u waħda minna u, jekk aħna ma nagħmlux ħilitna kollha biex inkomplu nħarsu 'l quddiem fil-ħajja tagħna, hi x'inhi l-età li għandna, inkunu aħna stess li nagħmlu żball kbir.

Is-soċjetà ta' madwarna u, xi drabi, anki aħna stess nagħmlu l-iżball li, meta persuna jkun għaddielha ż-żmien li fih wieħed ikun ta sehmu fid-dinja tax-xogħol u jasal iż-żmien tal-irtirar, qisu l-bniedem bħal donnu jiġi mormi u ma jibqax bżonnjuż aktar għas-socjetà ta' madwaru, speċjalment meta, fejn tkun taħdem, ma jħallulekx l-għażla jekk tridx tibqa' taħdem għal ftit taż-żmien ieħor jew le minħabba diversi raġunijiet u, għalhekk, tħossok li spiċċajt ma tiswa xejn, bħallikieku l-kartanzjan hija l-biljett għal xi *scrap yard.*

B'dan il-kliem żgur li mhux qegħda nirreferi għall-mara tad-dar għax, bħalma jaf kulħadd, min ikun qiegħed jaħdem id-dar, sew il-mara jew anki r-raġel, la qabel u lanqas wara ż-żmien tal-irtirar ma jieqfu minn xogħlhom għax it-tindif, it-tisjir, il-ħasil u elf ħaġa oħra li jkun hemm bżonn fid-dar kollha jridu jibqgħu jsiru, jekk mhux ukoll jiżdidulhom. Hemm, pereżempju, il-ħarsien ta' ulied uliedhom li, għax uliedhom baqgħu jaħdmu, speċjalment, jekk ma jkunx hemm strutturi adekwati biex jieħdu

ħsieb uliedhom waqt li huma jkunu għax-xogħol, ikollhom bilfors jirrikorru għall-ġenituri tagħhom biex iżommuhomlhom, xi ħaġa li kienet ilha magħna ftit żmien mhux ħażin.

Però, illum, se niffoka fuq dawk li kienu joħorġu mid-dar għal ġurnata tax-xogħol tagħhom u, f'salt wieħed, sabu li kellhom jieqfu. Dan minkejja li għadhom f'saħħithom u għadhom jistgħu jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom u jixtiequ jkomplu jaħdmu. Imma, sempliċiment għax għalqu l-eta' li ġiet iffissata biex wieħed jieqaf mix-xogħol, iridu jew ma jridux, kellhom jitilqu minn fejn kienu jaħdmu u qisu ħadd ma jifhem it-trawma li jġib miegħu dan it-tibdil fil-ħajja tagħna. Dan għax filli kont tqum u tlesti għal ġurnata xogħol u, issa, trid tara kif se timla l-ħin tal-ġurnata tiegħek. Bħalma naħseb li tafu, dan mhux faċli daqskemm wieħed jaħseb; iktar u iktar għax, ġeneralment, il-persuna tibqa' tqum fil-ħin li kienet imdorrija tqum fih meta kienet għadha taħdem peress li l-moħħ qisu bħal arloġġ li jkun dara l-ħin tal-qawmien ta' dik il-persuna.

U hawn niġi għall-qofol tas-suġġett li qiegħda nitkellem fuqu 'llum; dak li qatt mhu tard li wieħed jibda jagħmel dawk ix-xogħlijiet, delizzji jew passatempi, sejħilhom li trid, li forsi kien jixtieq jagħmel u li, minħabba x-xogħol, qatt ma sab il-ħin għalihom qabel. Tiftakar, meta kont għadek taħdem u dejjem kont tgħid lilek innifsek li, meta tirtira, tagħmel dik il-ħaġa jew l-oħra? Ħeqq, issa huwa ż-żmien għal affarijiet bħal dawn!

Barra minn hekk, illum hawn ukoll ħafna postijiet fejn wieħed jista' jmur biex jitgħallem, jagħmel eżerċizzju jew jirrikreja ruħu. Dawn il-postijiet issibhom miftuħin kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija. Jekk tiddeċiedi li tidħol għal xi wieħed minn dawn, minbarra li tkun qiegħed timla l-vojt li ħalla warajh ix-xogħol, tkun qiegħed tkabbar l-għerf tiegħek, iżżomm ruħek f'saħħtek u tiddeverti. Għandkom tkunu tafu wkoll li, lil dawk li għalqu s-60 sena, l-istat joffri b'xejn korsijiet ta' taħriġ fuq diversi *crafts*, lingwi, *computer* u ħafna suġġetti oħra varji u validi. Hawnhekk nista' nitkellem mill-esperjenza tiegħi stess għax, meta rtirajt, tħajjart nitgħallem lingwa oħra. Tassew nieħu pjaċir immur u, jekk taħsbu li se tkunu waħedkom kbar fl-eta', nassigurakom li għandkom żball għax, fil-klassi tiegħi biss, anki nies li għandhom iktar minn 75 sena hemm u veru jieħdu t-tagħlim bis-serjetà; kultant, iktar minn studenti żgħażagħ.
Għal min irid iżomm ruħu f'saħħtu mbagħad, hemm ukoll klassijiet ta' eżerċizzju fiżiku li wkoll huma ta' min jikkunsidrahom. Dawn jinkludu wkoll tagħlim dwar x'ikel huwa tajjeb għalina, kemm fl-ammont kif ukoll fil-kwalità Kif qegħdin taraw, għal min irid, hawn varjetà sħiħa ta' attivitajiet li wieħed jista' jagħmel; kemm biex jagħmel użu tajjeb tal-ħin prezzjuż li l-Mulej jisilfu, kemm biex ikompli jiżviluppa ruħu kif ukoll biex jgħix ħajja dejjem iktar ta' kwalità ogħla.

Ħa nirrakkontalkom daqsxejn ta' storja li ġrat veru żmien ilu fl-Istati Uniti tal-Amerka. Mela, kien hemm kappillan ta' raħal ċkejken li kien qiegħrd iżejjen il-knisja żgħira tiegħu għall-festi tal-Milied. Darba waħda, waqt li kien sejjer lura lejn id-dar, lemaħ bażaar, fejn kienu qegħdin ibiegħu ħafna raċanċ u antikiitajiet, u ddeċieda li jidħol biex jara jsibx xi ħaġa tajba għat-tiżjin tal-knisja. Fost l-affarijiet li kien hemm, ra dvalja li, għalkemm daqsxejn sfajra biż-żmien, kienet sabiħa kollha rrakkmata bl-idejn. Għoġbitu, xtraha u reġa' biha lura lejn il-knisja biex jagħmilha fil-post li kellu f'moħħu. Meta kien kważi wasal, bdiet nieżla xita qawwija u ra mara xwejħa miexja fit-triq mingħajr umbrella. Il-kappillan waqfilha u ħadha miegħu biex tistkenn fil-knisja. Waqt li l-mara qagħdet ftit bilqiegħda biex tistrieħ, il-kappillan mar idendel it-tvalja li kien għadu kemm xtara. F'daqqa waħda, dik il-mara qamet minn fejn kienet, resqet lejh skantata u staqsietu minn fejn kien ġab dik id-dvalja. Hija rrakkontatlu li dik id-dvalja kienet irrakkmata hi stess ftit qabel ma żżewġet u li, ftit jiem biss wara, kienu ħadu lir-raġel tagħha għall-gwerra u kif qatt ma kienet semgħet bih iżjed. Il-kappillan tant tħassarha li ħadha bil-karozza tiegħu id-dar tagħha li kienet biss ftit bogħod mill-knisja. Ftit ġranet wara, waqt il-funzjoni tal-Quddiesa tal-Milied, kien hemm wieħed xwejjaħ li, meta spiċċa kollox, mar fuq il-kappillan u staqsih fejn sab dik id-dvalja. Ix-xwejjaħ rrakkontalu kif, qabel mar għall-gwerra, il-mara tiegħu kienet ħadmet dvalja bħalha eżatt imma, meta ġie lura, lil martu qatt ma sabha iżjed. X'ħin sema dan, il-kappillan stiednu jmur miegħu bil-karozza u ħadu għand dik ix-xwejħa li kien wassal bil-karozza ftit tal-ġranet biss qabel. Inħalli għall-immaġinazzjoni tagħkom x'ħasset dik il-mara meta fetħet il-bieb u għarfet lil żewġha. Kif kellha tkun dik id-dvalja li kienet ħadmet hi stess biex terġa' tlaqqagħhom flimkien wara dawk is-snin kollha!

Nittama li din l-istorja għoġbitkom. It-tagħlima li fiha hija li qatt m'għandkom taqtgħu qalbkom għax qatt mhu tard wisq. Fejn hemm il-ħajja, hemm it-tama!

# Diskors li għamel Chev. Dr. Herbert Messina Ferrante, President tal-APAN u Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, waqt Konferenza li saret fit-30 ta' Lulju 2014



Onorevoli Ministri, *Mr Chairman* u kollegi, l-ewwel nett grazzi tal-istedina u nawgura mill-ewwel li, minn din il-konferenza, joħroġ il-ġid. Okkażjonijiet bħal dawn huma dejjem pożittivi. Iġibu madwar l-istess mejda nies minn setturi u kategoriji differenti. Huwa dejjem pass tajjeb li nisimgħu u nifhmu aħjar lil xulxin, nagħrfu l-problemi u l-kapaċitajiet ta' xulxin biex b'hekk inkunu nistgħu nikkontribwixxu ħalli ngħixu aħjar flimkien bħala soċjetà.
L-iktar ħaġa importanti hi li, wara din id-diskussjoni, jittieħdu l-passi meħtieġa biex, dak kollu li qegħdin ngħidu, ma jindifinx f'xi ktieb oħxon, tajjeb għall-istudjużi biss. Bħala President tal-Assoċjazzjoni Pensjonanti tal-Partit Nazzjonalista, konvint li l-laqgħa tal-lum diġà hija sinjal li hemm ir-rieda li, mill-kliem, ngħaddu għall-fatti.

### Tliet punti

Is-suġġett magħżul għal din il-konferenza, 'Effiċjenza fil-Ħidma tal-Gvern', jindika tliet kunċetti fundamentali: l-ewwel nett, li l-kelma "ħidma" għandha tfisser servizz li jkun jinftiehem u li jkun aċċessibbli; it-tieni, li l-Amministrazzjoni Pubblika tifhem u tħoss li għandha toffri servizz tajjeb u bla ħela ta' ħin jew riżorsi; u, it-tielet, li l-Gvern tal-ġurnata u ċ-ċittadini ikunu f'sintonija b'mod li l-Gvern ma jħarisx biss lejn iċ-ċittadini bħala sempliċi klijenti u, fl-istess ħin, iċ-ċittadin ma jħarisx lejn il-Gvern bħallikieku xi entità paternalistika li qiegħda hemm biex tipprovdi kollox.
F'soċjetà demokratika hemm it-tliet pilastri ewlenin li jaħdmu għall-istess skop iżda distinti minn xulxin jiġifieri, il-Leġislattiv, l-Eżekuttiv u l-Ġudikatura. It-tlieta huma strumenti, jew organi, għas-servizz taċ-ċittadin. Hemm liġijiet u statuti ta' kif għandha topera u tkun effikaċi u effiċjenti kull waħda minnhom, anzi, mas-snin, isiru emendi apposta biex, kull waħda, taħdem skont iż-żmien u ċ-ċirkostanzi; preċiżament, tkun aktar effiċjenti, taqdi aħjar.

### Anzjani

Mill-perspettiva tiegħi, narahom bħala persuna anzjana – allura l-esperjenza, kif ukoll li ġej mill-kamp mediku – allura settur relatat b'mod personali ma' kull ċittadin. Mhux se noqgħod niddistingwi bejn anzjani jew ċittadini oħra għax, b'xi mod jew ieħor, ilkoll għandna relazzjoni u konnessjoni mal-Amministrazzjoni Pubblika, jew aħjar, mas-Servizz Pubbliku. Din il-kelma "servizz" hija ċ-ċavetta biex kull amministrazzjoni taqdi l-funzjoni tagħha kif mistenni.
Kif aċċennajt diġà, il-pubbliku li, fl-aħħar mill-aħħar, jinkludi lilna wkoll, imdorri jħares lejn l-Eżekuttiv (il-Gvern) bħala provveditur ta' kollox. Bħala ex-kolonja, konna drajna b'mentalità konvenjenti li, għal kollox, 'tagħmel tajjeb ir-Reġina' Dan kien jgħodd kemm għall-impjegati kif ukoll għall-pubbliku ġenerali. Bil-bidliet kostituzzjonali li akkwista pajjiżna, dik il-mentalità, flok inqerdet, ittrasformat ruħha f'attitudni ta' klijentaliżmu. Bl-introduzzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-1993, naqsu l-klijenti minn wara bieb il-ministri imma żdiedu wara bibien is-sindki jew kunsillieri. Huwa tajjeb li, ċerti servizzi, ikunu devoluti lill-gvern lokali. Imma kien, u jibqa', meħtieġ li dawk li jiffaċċjaw lill-pubbliku, ikunu jafu sew huma stess kif jimxi l-proċess u mhux jikkonfondu aktar lil min irid jinqeda! Huwa vitali li jkunu mgħarrfin tajjeb u prattiċi f'xogħlhom mingħajr ma jmorru fl-estrem li jsiru qishom xi dipartiment ieħor tal-gvern!

### *Big brother*

Donnu għadha ma fiqitx il-mentalità li, għal kull ħaġa ta' xejn, irridu minn ħaddieħor. Il-kunċett tal-*big brother* għadu hemm! Iċ-ċittadin kien, u għadu, jippretendi (mhux, sempliċement, jistenna għax jaf li hu dritt tiegħu) imma JIPPRETENDI, u miskin hu dak il-politiku li ma jaqdihx fil-pront! Għalih, li jsegwi l-proċeduri, huwa telf ta' żmien. Forsi għax hekk dera jew forsi għax mhux infurmat biżżejjed jew għax veru l-proċess ikun fih wisq burokrazija!
Biex tikkomplika s-sitwazzjoni, is-settur jew strutturi tal-impjegati ċivil hu invażat b'karti, u formoli kontra formoli li, kultant, flok servizz, donnhom jipprovdu kastig lil min ikun irid 'jinqed'. Tul is-snin, kull gvern emenda liġijiet biex jagħmilhom aktar applikabbli għal ċirkostanzi ġodda li jinbidlu kontinwament. U hekk għandu jkun biex il-liġijiet ikunu dejjem aġġornati u aktar *water-tight* imma,

fl-istess ħin, qisna mhux dejjem nikkalkulaw jekk l-affarijiet hux se nħaffuhom jew nikkomplikawhom aktar.

Bla ma ndunajna, tul is-snin, flok ħaffifna l-proċess tas-Servizz Pubbliku, żidna aktar skaluni u turġien. Tkun inqdejt minn uffiċċju u ssib li fadallek iddur aktar uffiċċji u tispiċċa, kif ngħidu, "iddur mingħand Kajfas għal għand Pilatu!" Bla ma forsi nindunaw, dan qiegħed iservi ta' inċentiv biex, xi wħud, jitilfu sabarhom, jaqtgħu għad-dritt u jirrikorru li jagħmlu fattihom kontra kull regola. Imbagħad, minn fuq, imorru jħabbtu l-bibien ta' dak jew tal-ieħor biex joħroġhom mill-bużillis!

**Bit-telefon**

Qabel nikkonkludi, ladarba nirrappreżenta lill-anzjani, nixtieq nirrimarka wkoll fuq l-istil modern kif wieħed jista' jinqeda bit-telefon; l-aktar dawk li ma jistgħux jiċċaqilqu kemm iridu minħabba l-età jew il-mard. Bdew il-kumpaniji privati li, meta ċċemplilhom, tkellmek magna (*recorded messages or instructions*) u tagħtik in-numri immaġinabbli kollha biex forsi jwieġbek xi ħadd li tista' tikkomunika miegħu; mhux ma' magna! Staqsu lill-anzjani u taraw x'martirju jgħaddu minnu biex forsi xi ħadd jisma' dak li jridu jistaqsu!

Jiena nemmen li xi ħaġa tajba għandha tkun apprezzata u, fejn ikun jaqbel, anki kkupjata. Imma, kultant, nissuspetta li, meta d-dipartimenti tal-gvern jikkupjaw din id-drawwa ta' *recorded messages* ikunu qiegħed jirrendu s-Servizz Pubbliku wisq inqas personali u, allura kultant, anonimu. Iċ-ċittadini (l-aktar l-anzjani) iħossu li huma biss numri jitkellmu ma' numri u li dawk li suppost imħallsin biex jagħtu servizz pubbliku huma wisq imħabbtin biex jagħtu kashom!

Tassew li t-teknoloġija suppost kellha tħaffef il-burokrazija. Tassew ukoll li l-ħajja saret mgħaġġla wisq. Imma, jekk hi mgħaġġla għad-dipartiment, hija mgħaġġla wkoll għall-pubbliku. Jekk prinċipal, jew skrivan, m'għandux ħin x'jitlef, l-istess japplika għal kulħadd. Kultant, naħseb li jkun aħjar li, flok il-messaġġ rekordjat, 'għal raġunijiet ta' siġurtà' nibdew ngħidu 'għal raġunijiet ta' servizz u effiċjenza!' U dan ma jgħoddx biss għat-telefonati imma għall-kuntatti kollha bejn l-Amministrazzjoni Pubblika u l-pubbliku li suppost għandha taqdi u sservi.

**Teknoloġija**

L-idea ta' *one stop shop* m'għandhiex tidħol biss għall-kuntratturi u l-periti fil-MEPA, imma għandha tkun estiża f'kull entità pubblika. L-avvanzi li setgħu saru bl-*e-government*, bħal *e-banking* u *e-shopping* jgħoddu għal min hu familjari sew mat-teknoloġija moderna. Veru li aktar nies qegħdin jitgħallmu imma għad hemm faxxa kbira ta' nies li m'għandhom ebda edukazzjoni jew aċċess għal sistemi bħal dawn. Lil dawn ukoll irridu nagħtuhom is-servizz dovut b'attenzjoni personali, bla dewmien żejjed u bla ma nġegħluhom iħossu li qed nagħmlulhom xi pjaċir!

Dan huwa kruċjali! Is-servizz jingħata bi dritt u mhux bi pjaċir! Min jinqeda m'għandux iħoss li qala' xi grazzja. Għandu jkun konvint li dak dritt tiegħu jew tagħha. Meta s-servizz jibda jkaxkar, sa ma jinqeda, dak li jkun jitlef il-fiduċja fis-sistema u jibda jaħseb li huwa żejjed jew eskluż mis-sistema, ħlief għan-numru tal-identità! Fiċ-ċirkostanzi, nistgħu ngħidu miegħu li "*service delayed is service denied*"! Imma din il-konferenza tal-lum turi li dan m'għandux ikun il-każ. Anzi, hija awgurju biex nissimplifikaw il-metodi ta' kif jingħata s-servizz. Nawgura li, 'Effiċjenza fil-Ħidma tal-Gvern', ma jkunx sempliċiment *slogan* għalina li qegħdin nitkellmu hawnhekk illum imma jkun il-mod kif inħaffu l-pass għal servizz tajjeb, fil-ħin u bla ħela ta' riżorsi. Nirringrazzjakom.



# PENSJONI TAL-ISTAT

**Minn Carmel Mallia**

*Membru tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Pensjonanti*



Fil-ħarġa tal-31 ta' Lulju 2014, tal-gazzetta *Business Observer* ġie rrapportat li l-Onor. Ministru tal-Finanzi, il-Prof. Scicluna, stqarr lis-sitwazzjoni dwar il-pensjonijiet mhix alarmanti. Żied ukoll li l-istabilità tas-sistema pensjonistika tiddependi ħafna fuq it-tkabbir ekonomiku sostnut. Ikkonferma li l-obbligu tal-Istat dwar il-pensjonijiet huwa li mhux biss irid jipprovdihom u jsostnihom iżda jaċċerta li l-pensjonanti jkunu kapaċi jgħixu ħajja diċenti wara li jirtiraw mix-xogħol.

Is-sistema hija mibnija fuq tliet pilastri. L-ewwel il-Pensjoni tal-Istat – (Tal-Bolli), it-tieni – L-*Occupational Pension* marbuta mas-servizz u t-tielet huma l-pensjonijiet privati. Dawn tal-aħħar ilhom magħna għal żmien twil.

Ma hemm l-ebda dubju li l-pensjoni tal-Istat – tas-Sigurtà Soċjali hija u għandha tibqa l-aktar important. Hija s-sors ewlieni ta' dħul finanzjarju għaċ-ċittadini ta' meta jirtiraw mix-xogħol.

L-*Occupational Pension* u l-Pensjonijiet Privati huma kkonsiderati bħala pensjonijiet supplimentari. Il-funzjoni tagħhom hija sabiex ikabbru d-dħul tal-pensjonant u għaldaqstant ikun jista' jgħix aħjar meta jirtira. Hawn jidħlu d-diffikultajiet li wieħed għandu jsaqsi dwarhom, F'Malta u f'Għawdex il-ħaddiema kollha għandhom dħul adekwat mix-xogħol biex ikun possibbli għalihom li jieħdu sehem f'xi wieħed minn dawn il-pilastri? Eluf ta' ħaddiema għandhom dħul baxx u għaldaqstant ma jibqagħalhomx biżżejjed flus f'idejhom biex jipparteċipaw.

Fiċ-ċirkostanzi u f-isem il-ġustizzja soċjali huwa obbligu tal-Istat li jipprovdi pensjonijiet diċenti u adekwati lil dawn iċ-ċittadini. Mhux hekk biss, f'każi fejn persuna/persuni ikollhom dħul anqas minn 60% ta' Dħul Medjan Ekwalivizzat irid jingħata d-differenza bħala *allowance* supplimentari.

Il-problema tal-faqar/riskju tal-faqar tkun indirizzata b'din il-miżura soċjali u ta' solidarjetà ma' persuni fil-bżonn. Il-preokkupazzjoni ta' kulħadd hija iffokata dwar is-sostinabilità tal-pensjoni tal-Istat. Huwa fatt li ma jistax ikollok adekwatezza mingħajr ma tindirizza l-ewwel is-sostinabilità. Jidher li mixjin fit-triq it-tajba iżda jonqos ħafna xi jsir.

Wasal iż-żmien, wara 40 sena, li jsiru diskussjonijiet mal-*istakeholders* kollha dwar ir-*ring fencing* tad-dħul u l-ħruġ kollu tal-benefiċċi soċjali kontribjutorji li jaqgħu taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Irid isir xi forma ta' eżerċizzju li minnu jkun hemm indikazzjoni ċara jekk l-ammont tad-dħul mill-'bolla' hux biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż tal-benefiċċji kontributorji kollha, inkluż il-pensjonijiet. Minn hawn toħroġ stampa reali jekk il-benefiċċji kollha humiex sostenibbli jew le.

Ir-*ring fencing* iffiser li d-dħul mill-'bolla' u l-infieq tal-benefiċċji kontributorji ma jibqax marbut mal-*Consolidated Revenue Fund* iżda isir fond għalih waħdu bħal ma kien sa 1974. Issa naqblu jew ma naqblux dwar ir-*ring fencing* irridu nieħdu dawn il-miżuri. Nedukaw lin-nies biex il-'bolla' titħallas fi żmien meta hija dovuta u mhux tard.

Din għandha tkun ibbażata fuq id-dħul veru u mhux fabbrikat biex tiffranka il-flus. Din id-drawwa ħażina trid b'xi mod tkun mrażżna wara kollox għal ġid tal-persuna stess għax jieħu pensjoni anqas. Hemm bżonn aktar infurzar tal-liġi. Spezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol ta' spiss u regolari żgur li jżidu d-dħul minn dan is-sors. Hemm bżonn ta' aktar kontroll kif jingħataw il-benefiċċji. Din hija pjaga li trid tkun indirizzata biex nikkontrollaw l-infieq.

Pass tajjeb biex il-benefiċċji soċjali jkunu sostenibblii hija ż-żieda tan-nisa u anzjani fid-dinja tax-xogħol. Ma dawn hemm bżonn li nirregolizzaw lil eluf ta' ħaddiema immigrant kemm għal ġid tagħhom kif ukoll biex inkabbru d-dħul. Naturalment ma' dawn is-suġġerimenti dwar is-sostenabbilità tal-pensjonijiet hemm oħrajn.

Biex inkomplu ma' dak li qal il-Ministru tal-Finanzi rridu nagħmlu dak kollu possibbli biex il-problema ma ssir qatt allarmanti. B'dan kollu irridu nżommu għajnejna miftuħin beraħ għal dak kollu li jkun qiegħed jiġri madwarna ħalli minn żmien għal żmien naddataw skont iċ-ċirkostanzi. Fl-1948 bdew il-benefiċċji mhux kontributorji fil-waqt li l-benefiċċji kontribujtorji daħlu fis-seħħ 1956. Id-dmir tagħna hu li għandna nibżgħu għal dan il-ġid sabiex inħalluh bħala wirt lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

# IL-MARĊ MALTI GĦANDU KARATTRU UNIKU U MARBUT SEWWA MAL-ĦAJJA FESTIVA MALTIJA

## Kien is-Surmast Vincenzo Ciappara li beda din is-sejħa mużikali

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**



Ix-xahar ta' Ġunju huwa x-xahar li jimmarka l-bidu tas-sajf u, għalhekk, l-istaġun tal-vaganzi. Ġunju, ix-xahar tal-Imnarja u x-xahar li jdewwaqna l-frott. U, bħalma jgħidu l-antiki tagħna, u hekk hu wkoll, Ġunju għall-għomma manju u, fis-sodda, jagħtina banju kif ukoll Ġunju Ġunjett, ineħħi l-qmis u d-dublett.

Iżda, madanakollu, Ġunju jimmarka wkoll il-bidu tal-istaġun tal-festi tradizzjonali Maltin; festi li tassew għandhom għeruq ħawtiela u marbuta sewwa mad-drawwiet Maltin, l-aktar fl-irħula antiki tagħna. Li kieku f'pajjizna fis-sajf ma kellniex il-festi tradizzjonali Maltin, kieku pajjiżna kien ikun nieqes sewwa mill-kuluri vivaċi u karatteristiċi li jagħtu dawl differenti minn ta' pajjiżi oħra. Il-banda, in-nar tal-ajru u l-ġiġġifogu tal-art, l-armar fit-toroq u fil-knejjes Barokki tagħna, b'dik l-għajta tal-qubbajt artab jew iebes u kollox imsawwar mad-daqq tas-sett tal-qniepen kbar tal-knejjes tagħna, huma l-ingredjenti meħtieġa għall-festa Maltija. Ma' dawn, inżidu l-mixegħla ġenerali tal-knejjes u t-toroq tagħna mimlijin pavaljuni b'ornat impitter u kolonni bl-anġli jħarsu 'l fuq jew 'l isfel. Kollox jagħti xenarju differenti sew lill-art twelidna fil-festi tal-irħula tagħna. U dan hu apprezzat bis-sħiħ minn numru kbir ta' barranin li jiġu fostna f'dawn ix-xhur tas-sajf.

Ma nixtieqx li dan l-artiklu jkun dedikat għal dawn il-festi tradizzjonali Maltin li dejjem isibu l-wens taħt it-titlu tal-Qaddis jew Qaddisa patruni tal-irħula tagħna imma, għall-inqas, niġbed biss ingredjent wieħed mill-ħafna li jsawru l-festa Maltija. Il-marċ Malti għandu l-istil u l-karattru mużikali tiegħu u, għalhekk, jinfatam minn marċi oħra internazzjonali. F'kelma waħda, il-karattru mużikali tiegħu jagħmluh uniku u jintrabat sew mal-ħajja festiva tagħna l-Maltin.

Niftakarni qisu lbieraħ nitkellem mas-Surmast Vincenzo Ciappara (li jiena dejjem sejjaħtlu *r-Re tal-Marċi Maltin*) jgħidli li huwa kien l-ewwel kompożitur Malti li beda jikkomponi l-marċi fuq il-forma li nafuha llum, bit-*trio* l-aħħar parti u l-parti ewlenija tal-marċ. Jekk il-marċ ikollu t-*trio* sabiħ, allura l-marċ huwa popolari. Jiena ngħid li Ciappara ta ħajja lil din il-forma ferrieħa u ħajjar surmastrijiet oħrajn Maltin biex jikkomponu marċi biex b'hekk il-baned Maltin ikunu fornuti b'marċi miktuba mill-Maltin għall-festi tagħna stess.

### L-ewwel Marċ

Is-Surmast Ciappara kien stqarr miegħi kemm-il darba li l-ewwel marċ tiegħu kien għall-Banda Prince of Wales tal-Birgu li tagħha kien Surmast Direttur. Din il-banda kienet daqqet dan il-marċ fi Piazza Reġina. Il-marċ kien intgħoġob ħafna tant li, wara, indaqq mill-Banda King's Own tal-Belt kif ukoll minn diversi baned oħra Maltin. Qabel il-marċi tas-Surmast Ciappara, il-baned Maltin kienu jdoqqu marċi ta' kompożituri barranin, l-aktar dawk Sqallin.

Il-marċi brijużi, kif inħobbu nsejħulhom aħna l-Maltin, tas-Surmast Ciappara huma mibnijin fuq nixxiegħa ta' melodiji mill-aktar tal-widna. Id-don tal-melodija u l-ħeffa biex jikkomponi twieldu mas-Surmast Ciappara. In-numru kbir ta' marċi mill-isbaħ tiegħu (l-aktar wieħed popolari jismu *Victory* miktub wara li spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija) flimkien ma' innijiet kbar u żgħar għal diversi festi Maltin u Għawdxin, huma xhieda tal-kobor tal-pinna mużikali tas-Surmast Ciappara. Dnub li, illum il-ġurnata, ftit li xejn għadhom jindaqqu marċi tiegħu mill-baned tagħna għalkemm l-innijiet tiegħu għadhom ħajjin u ma nista' nimmaġina qatt li, xi darba jew oħra, dawn jistrieħu fl-arkivji tal-baned tagħna għar-raqda ta' dejjem.

Wara s-Surmast Ciappara, bdew jidhru kompożituri Maltin oħra li lkoll taw kontribut kbir lil dan il-qasam mużikali purament Malti, il-marċ tal-festi tagħna. Is-Surmast Luigi Bongailas ukoll ikkompona marċi sbieħ, fosthom għall-banda tal-lokal tiegħu, San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar. Meta miet Luigi Bongailas (ftit wara s-Surmast Ciappara) ħafna sejħulu '*il-Prinċep tal-Marċi Maltin*'.

Insemmi kompożituri oħrajn li taw kontribut kbir lill-marċ Malti, fosthom lil Emmanuel Bugeja li kkompona ħafna marċi għall-banda tant għal qalbu, Queen Victoria taż-Żurrieq. Insemmi wkoll lil Anġlu Pace tal-Gudja, lil Anġlu Pullicino ta' San Ġiljan, lil John Mamo li kellu l-Banda tas-Siġġiewi. Dawn kollha tawna marċi sbieħ. Insemmi wkoll il-marċi ta' Joseph M. Barbara, Hector Dalli taż-Żejtun, lil Adeodato u ibnu Philip Gatt ta' Ħaż-Żebbug, Joseph Abela Scolaro u Willie Attard, it-tnejn tal-Ħamrun. Nixtieq insemmi wkoll lil John Theuma ta' B'Kara, li għadu mimli bl-għomor. Fost il-marċi tiegħu li nammira, niltaqgħu mal-marċ Holiday in Spain, wieħed mill-ewwel marċi tiegħu u li kien indaqq għall-ewwel darba mill-Banda La Valette li, f'dawk iż-żminijiet, kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ġużeppi Camilleri. Niftakar ukoll lis-Surmast Camilleri stess ifaħħar dan il-marċ. John Theuma jaf kemm dan il-marċ tiegħu Holiday in Spain huwa għal qalbi.

### Il-Maġġur Anthony Aquilina

Fl-aħħar, imma żgur mhux lanqas, insemmi lill-Maġġur Anthony Aquilina. Dan il-maġġur (li bħali kien Żebbuġi) kien is-Surmast tal-banda King's Own, fost oħrajn, u kellu karattru ħelu ħafna. Il-marċi tiegħu kienu verament uniċi u differenti mill-marċi Maltin l-oħra. Kellu stil mużikali tiegħu. Fil-marċ tiegħu, il-banda Maltija kienet tkun *smart* ħafna (bħalma kien hu, wara kollox) surmast *smart*, eleganti u mżejjen b'persuna twila, irqiqa u sabiħa. Hekk kien il-marċ tiegħu, bħal persuntu. Kien jgħidli li l-laqta Spanjola kienet togħġbu wisq.

Wara dawn il-kompożituri, tfaċċaw oħrajn fix-xena Maltija. Jiena wkoll deffist subgħajja f'dan il-qasam u domt xi ħamsa u għoxrin sena nikkomponi marċi ġodda għall-Banda King's Own tal-Belt u li wara kienu jindaqqu mill-Banda La Stella tar-Rabat, Għawdex. Kont ħabib ħafna ma' surmast ieħor magħruf għall-marċi tiegħu, Paul Schembri ta' Ħal Luqa u, flimkien, ħriġna wieħed mill-ewwel *albums* tal-marċi tagħna, Festival of Maltese Marches. Hekk kien jisimha din l-*L.P.* tal-marċi tagħna li sabet swieq qawwija fost il-Maltin tal-Awstralja.

It-tradizzjoni fil-kitba tal-marċi Maltin, li kien beda Ciappara, kompliet u, wara, daħal *in scena* Andrew Coleiro b'marċi sbieħ u mill-aktar popolari, fosthom Karmar u Agrigento li għadhom ħajjin sal-ġurnata tal-lum. Jiena ngħid li Andrew beda paġna ġdida fil-qasam tal-marċ Malti. Miegħu ngħaqdu ismijiet oħra, fosthom Archibald Mizzi ta' Ħal Qormi u oħrajn. Illum, il-marċ brijuż Malti tkompla minn ismijiet oħra iżda jiena jidhirli li, illum il-ġurnata, il-marċ Malti sar aktar kummerċjali u ta' malajr. Fl-opinjoni tiegħi, illum il-kompożitur aktar ħsiebu biex il-marċ tiegħu jitkanta, b'xi botta għall-każin l-ieħor, milli biex joffri spettaklu mużikali.

# Iz-Ziju Karmenu

**ta' Vincent Piccinino**

"Aħlef u għid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa, hekk Alla jgħinek. Bus is-salib!" Is-sewwa ħabib Alla u s-sewwa jirbaħ żgur. X'hawn isbaħ mis-sewwa?

Iz-ziju Karmenu kien joqgħod magħna. X'waħda din! Ħlift li ngħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa u, f'sentenza qasira ta' mhux aktar minn ħames kelmiet, diġa għidtilkom żewġ affarijiet li huma 'l bogħod biċċa sewwa mis-sewwa. Ma jimpurtax. Bidu ġdid.

Mela, l-ewwel nett, iz-ziju Karmenu ma kienx iz-ziju tiegħi imma z-ziju t'ommi. X'tort għandi jien jekk, sa minn meta kont tifel, dejjem hekk konna nirreferu għalih? It-tieni, proprjament, iz-ziju Karmenu ma kienx joqgħod magħna imma aħna konna noqgħodu miegħu għax, meta żżewwġu, ommi u missieri ma kellhomx fejn joqgħodu, iz-ziju Karmenu kien għażeb joqgħod waħdu u, fi ftit kliem, marru joqgħodu miegħu. Hekk aħjar.

Ommi kellha kaxxa tad-deheb. X'waħda din! Kemm qiegħed ingerfex! Anki din l-istqarrija hija 'l bogħod mis-sewwa għax, l-ewwelnett, il-kaxxa ma kinitx tad-deheb imma tal-injam u, it-tieni, għax, ġo fiha, qatt ma kien ikun hemm deheb. L-uniku ftit deheb li naf li kellha ommi kienu ċ-ċrieket tal-għerusija u taż-żwieġ, ġiżirana, jew aħjar katina, u par imsielet u dawn dejjem fuqha kienu jkunu, mhux fil-kaxxa. Li naf żgur li kien ikun hemm fil-kaxxa tad-deheb t'ommi kienu tal-gamewwa li darba kienet tan-nanna Lużar, kullana tal-lewlu, xi żewġ santi tal-Preċett u tal-Griżma tal-Isqof tagħna l-aħwa, xi kampjun tal-fwieħa, stoċċ *lip-stick* qadim, domna tal-Madonna Immakulata, kaxxa tal-kuruna tar-Rużarju għamla ta' missall li xi ħadd minna kien qala' meta għamel l-Ewwel Tqarbina u żewġ midalji kulur id-deheb li kienu tawna l-iskola għall-okkażżjoni tal-*coronation* tar-Reġina Eliżabbetta II tal-Ingilterra fl-1953. Xejn ta' barra minn hawn!

Imma l-kaxxa kienet ħaġa oħra. Dik kien għamilha z-ziju Karmenu. Għax iz-ziju, kien restawratur prim tal-għamara antika u, għall-interzjar, ftit kienu jħabbtuha miegħu dak iż-żmien; għall-inqas, sa ma fix-xena tar-restawr feġġ Salvu ta' Gerit ta' Widna. Imma dik storja oħra li, xi darba, għad nirrakkontaha wkoll. Sadanittant, il-kaxxa li kien għamel iz-ziju Karmenu hija twila xi 11-il pulzier, wiesgħa 7 u għolja madwar 5 pulzieri. L-erbat iġnieb, l-istess bħall-wiċċ, huma mżejnin b'interzjar sempliċi imma meqjus magħmul minn biċċiet żgħar ta' njam għamla ta' mqaret ma' ġemb xulxin, waħda ta' kulur ċar u l-oħra ta' kulur skur, għall-kuntrast. Fil-wiċċ, eżatt fin-nofs, ċirku u, ġo fih, stilla ta' sitt ponot magħmula minn sitt imqaret infilsati f'xulxin. Il-wiċċ u l-ġnieb lixxi qishom ħġieġ; kollox illustrat ileqq kif titlob is-sengħa u l-effett finali huwa ta' xi ħaġa sabiħa li tpaxxi l-għajn ta' kull min ikollu x-xorti jħares lejha.



Illum, li kbirt, napprezza l-ħila, is-sengħa u s-sabar li wasslu biex saret il-kaxxa tad-deheb t'ommi imma, jien, liz-ziju Karmenu nibqa niftakru għal affarijiet oħra, mhux għaliha. Konna noqgħodu taħt is-Sur, fi Triq l-Isptar il-Qadim, kantuniera ma' Triq Fontana. Il-bejt ta' din id-dar ċkejkna, imma mimlija tifkiriet, kien jagħti għal fuq il-Port sabiħ ta' Marsamxett. Min jaf kemm-il darba, flimkien maz-ziju, rajt il-frejgati u d-*destroyers* Ingliżi deħlin fil-port, jaslu san-nofs, jieqfu, iduru, jimxu lura u jorbtu mal-bagi. Darba, meta kien għad kelli xi 5 snin, niftakar li tlajt fuq il-bejt u z-ziju kien ħdejn il-bieb tal-bejt fuq sellum forċi. Eżatt fin-nofs, fuq il-ħajt ta' fuq il-bieb tal-bejt, b'kumpass kbir, giref ċirku ta' madwar 16-il pulzier dijametru u, ġo fih, pinġa stilla, din id-darba, ta' ħames ponot, l-istilla ta' San Duminku. Stilla ħamra fi sfond aħdar. Illum, il-blokk fejn konna noqgħodu aħna m'għadux hemm. Xi snin ilu kien twaqqa biex jittellgħu appartamenti ġodda imma dik l-istilla, għalkemm, biż-żmien, intfiet xi ftit, baqgħet hemm sal-aħħar. Għadni niftakar li, meta kont tifel u kont inkun fuq is-sur nilgħab il-ballun ma' ħbiebi, kont nieħu pjaċir ngħidilhom li aħna hemm noqgħodu, fejn hemm dik l-istilla fuq il-bieb tal-bejt.

Dak il-bejt taz-ziju Karmenu għalija kien il-*Eurodisney* ta' tfuliti. Bis-saħħa taz-ziju, ma kellniex għalfejn nistennew Lapsi biex nagħmlu bandla. F'waħda mill-irkejjen tal-bejt, ma' żewġ ħitan differenti biswit xulxin, iz-ziju waħħal żewġ grampuni, rabat biċċa ħabel tal-qanneb u malajr għamlilna bandla. Biex ma nweġġgħux, konna nagħmlu mħadda fin-nofs u noqgħodu bil-qegħda fuqha u tgħidx kemm-il siegħa konna nqattgħu nitbandlu u ngħannu. Kultant il-ħabel, iħokk mal-grampun, kien jittiekel u jinqata' u, min jinzerta jkun qed jitbandal dak il-ħin, jispiċċa fl-art. Imma dak kien parti mill-gost u z-ziju malajr kien jagħmel għoqda ġdida u aħna konna nkomplu nitbandlu u ngħannu.

F'rokna oħra tal-bejt niftakar li kien hemm qasrija kbira tal-fuħħar. Konna nirreferu għaliha bħala l-konka. Illum, meta nħares lura, nistħajjel li kienet għolja madwar żewġ piedi u li kellha dijametru ta' xi 20 pulzier imma, f'għajnejn ta' tifel ta' 5 snin, dik il-konka kienet tidher enormi. Fiha, iz-ziju Karmenu

kien jiżra' minn kollox; patata, tadam, naniegħ, tursin u aħna, ta' tfal li konna, l-ors tagħna nitilgħu kuljum fuq il-bejt, insaqqu u naraw ix-xitla tinbet, titwal, tħaxxen iz-zokk u tkabbar il-weraq sa ma toħroġ il-fjuri u tagħmel il-frott. Għadni niftakar li t-tadam l-ewwel ikun fjur imbagħad joħroġ it-tadam żgħir, aħdar u iebes imbagħad, bil-mod il-mod, jibda' jintefaħ, jiħmar u jirtab u li l-patata proprja ma jikbrux imdendlin mal-pjanta, bħat-tadam, imma jkunu taħt il-wiċċ, mal-għeruq u trid toqgħod tfittixhom qalb il-ħamrija. Is-Sur Borġ, tas-*science*, mingħalih li l-ewwel imħabba tiegħi lejn il-botanika kien żeragħhieli, xettilhieli u ħawwilhieli hu imma s-Sur Borġ ma jafx li, fil-fatt, l-ewwel lezzjonijiet tiegħi fuq dawn l-għeġubijiet tan-natura ħadthom fuq il-bejt, madwar il-konka, flimkien maz-ziju Karmenu.



Illum nifhem ukoll x'sens kbir ta' umoriżmu kellu z-ziju Karmenu; sens ta' umoriżmu li, xi kultant, kważi kważi, jista', saħansitra, ikun perikoluż! Darba, niftakar, għamlet l-ewwel xita u jien u z-ziju u oħti Ġuża konna ġewwa ħdejn il-bieb tal-bejt nieħdu gost sempliċi naraw l-ewwel xita nieżla u nxommu r-riħa tfuħ tal-ġebla Maltija hekk kif tixxarrab bl-ilma wara tqarqiċa ta' sajf ma jispiċċa qatt. Iz-ziju Karmenu ġietu l-idea li jpoġġi bieqja taċ-ċaqquf fuq il-bejt ħalli timtela bl-ilma safi nieżel mis-sema u, imbagħad, induquh. U hekk għamel u aħna qagħdna nistennew il-bieqja timtela qatra, qatra bl-ilma pur. Dak iż-żmien, konna għadna ma smajniex bl-*acid rain* u, fis-sewwa, naħseb li l-arja konna għadna ma niġġisnihiex daqskemm ħammiġniha llum. Sadanittant, lil oħti Ġuża, li hi sena ikbar minni, għajtitilha ommi biex tmur taqdiha x'imkien. Niftakar li, sa ma ġiet lura, iz-ziju ħareġ fuq il-bejt, ġab il-bieqja li kien fiha mogħla sebgħa ilma tax-xita u tahieli ħalli nara l-ilma tal-Ġenna x'togħma fih. Billi x-xita issa kienet waqfet, iz-ziju ma ħabbel rasu xejn, għamel il-bieqja taħt il-vit, mela kemm kemm ilma ġo fiha u reġa' poġġiha fuq il-bejt. Meta oħti reġgħet ġiet lura, iz-ziju taha l-bieqja biex tieħu sehemha u hi tgħidx kemm damet tgħidlu kemm hu tajjeb. Jien ħarist lejn iz-ziju imma hu hemiżni waħda minn taħt u ma qal xejn. Iz-ziju Karmenu jista' jibqa' żgur li, f'aktar minn 60 sena, qatt ma kxiftu.

Ħdejn l-ispiritiera, iz-ziju Karmenu kellu landa kwadra. Meta kien iqabbad il-kuċiniera, is-sulfarina kien jonfħilha ħalli tintefa u ma tkomplix tinħaraq u, flok jarmiha, kien jitfagħha fil-landa. Meta jfettillu jew ikollu aptit jew xi ftit ħin ħieles, kien jaqbad għatu kbir ta' landa tal-gallettini, xi 11-il pulzier kwadru, fuqu jpinġi faċċata ta' knisja bil-bieb il-maġġur u t-tnejn tal-ġemb, bil-koppla u b'żewġ kampnari u, meta jkun lest, kien jaqbad musmar daqsxejn kbir u martell u, bil-paċenzja kollha, kien joqgħod jagħmel toqba ħdejn toqba fuq dawk il-linji li jkun pinġa qabel. Meta jkun darhom kollha mbagħad, kien jaqbad dawk is-sulfarini wżati, ixarrabhom bi ftit pitrolju, iħallihom joqtru u, wara, joqgħod idaħħalhom waħda waħda fit-toqob tal-musmar u, meta jlesti, kien jgħidilna: "Il-lejla nagħmlu l-ġiġġifogu!" Meta jkollok 5 snin u tkun qed tistenna xi ħaġa hekk, tħossok qisek qiegħed fuq ix-xwiek u l-ħin tarah donnu ma jrid jgħaddi qatt. Imma, fl-aħħar, kollox jgħaddi u, meta jidlam, wara li nkunu kilna l-ħobż biż-żejt u t-tadam u n-naniegħ mill-konka taz-ziju u wara li ngħidu r-rużarju, kollox fuq il-bejt, iz-ziju Karmenu kien imur iġib l-għatu tal-landa tal-gallettini u jagħtih in-nar. U aħna, ta' tfal li konna, erħina niskantaw naraw il-faċċata tal-knisja mixgħula qisa f'jum il-festa u, għalina, dik id-dehra kienet tkun daqs l-aqwa ġiġġifogu li qatt kien jeżisti.

Fl-aħħar ta' ħajtu, iz-ziju Karmenu kienet tagħtu suffejra. Ma nafx kemm kellu żmien imma ma kienx żgħir żgur għax naf li kien ikbar minn oħtu, in-nanna Lużar, u din tal-aħħar diġa kienet kbira mhux ħażin dak iż-zmien. Naf li ntefa' f'qiegħ ta' sodda u, tant kien batut, li lanqas kellu forza biżżejjed biex, minn mindut, għall-inqas, iqum bilqiegħda fuq is-sodda. Meta kbirt smajt lil ommi tgħid li, dak iż-żmien, iz-ziju Karmenu kien talab lil missieri biex iwaħħallu grampun mat-travu tal-injam u, miegħu, jorbotlu biċċa ħabel biex ikun jista' jaqbad miegħu u jqum bilqiegħda. Imma missieri, għall-ewwel, ma riedx jagħmilulu għax beża' li z-ziju Karmenu dak il-ħabel mal-grampun mhux għalhekk riedu imma għax kien xeba' minn ħajtu u aċċetta biss li jagħmilulu wara li tkellem ma' u ħa parir mingħand iz-ziju Romeo u z-ziju Spiru, tnejn minn nies tal-affari tagħhom sew u li missieri kien joqgħod ħafna fuq il-kelma tagħhom.

Darba waħda, wara nofsinhar, ommi telgħet ħdejh bħas-soltu biex ittih it-te. Sabitu bilqiegħda fuq is-sodda, bl-imħaded wara dahru, rasu mitluqa kemmxejn fuq ġemb wieħed, qisu rieqed, u wiċċu mixgħul bi tbissima kbira. Missitlu daqsxejn idejh biex tipprova ċċaqalqu imma kien kiesaħ silġ. Hija niżlet tiġri 'l isfel bħal sajjetta biex tiġi f'tagħha u ħalli tlesti ruħha biex tmur tagħti l-bxara lill-qraba l-oħra. "Ma batiex!" lissen it-tabib. "Miet ferħan!" qal iz-ziju Spiru. "Miet fil-paċi miegħu innifsu!" żied iz-ziju Romeo. "Miet jidħaq, kif dejjem għex!" qalet in-nanna Lużar.

Li ħadd ma kien jaf hu li, dakinhar wara l-ikel, kont tlajt ħdejh. Sibtu qiegħed jissara mal-ħabel biex jipprova jqum. Meta qam bilqieghda qalli: "Irranġali ftit l-imħaded wara dahri, ħa noqgħod sew." Imbagħad, meta kien komdu, qanfidli xagħri b'idejh il-leminija, kif spiss kien iħobb jagħmel, filwaqt li qalli: "Allur' int x'se ssir meta tikber?" Jien, mingħajr ma ħsibtha darbtejn, għidtlu: "Raġel, xi tridni nsir?" Għalija, kienet tant ovvja li minn tifel, meta nikber, insir raġel imma, mid-dehra, għaz-ziju Karmenu, ma kienx hekk għax tant daħaq bil-qalb li qabiżlu d-dmugħ minn għajnejh u baqa' jidħaq sakemm xeraq; beda jisgħol kemm jiflaħ sakemm sar aħmar nar sa ma fl-aħħar medd rasu lura fuq l-imħadda, għalaq għajnejh it-tnejn u raqad ir-raqda tas-sliem. U din hija l-verità sagrosanta!

# Jaħasra, m'għandix aptit!

**Kitba ta' Lina Brockdorff**



Għandek tgħid, fid-dinja jew nejja jew maħruqa. Issib min iħares lejn l-ikel, ikerrah wiċċu u jingħi: "Jaħasra, m'għandix aptit!" waqt li ieħor dejjem lest biex jibla' kull l-iċken farka ikel li jara quddiemu. Imma għaliex id-dinja fiha dawn il-kuntrarji kollha? Is-sabiħa hi li dawk li, imbierek Alla, dejjem għandhom aptit tajjeb u ġuħ ta' ngħama huma dawk li jmisshom joqogħdu b'seba' għajnejn biex jevitaw l-ikel. Waqt li dawk li jkerrhu wiċċhom biex jilmentaw li ma jridux jieklu huma eżattament dawk li jeħtieġu jieklu għal xi raġuni jew oħra. Fil-biċċa l-kbira, issib minn dawn li huma anzjani nkella tfal li moħħhom fil-logħob u ma jinteressahomx l-ikel jew nies li, imsieken, xi ftit mhux f'aptithom għax mhux f'sikkithom għal kollox. U huma eżattament dawn li għandhom bżonn iżidu fl-ammont ta' ikel li jieħdu.

Bħalissa qiegħed jiġini f'rasi qawl, dak li jgħid li 'darbtejn insiru tfal. Għax niftakar fil-keded li kienu jagħtuni wliedi xħin jasal il-ħin biex nitmagħħom u dan meta kienu għadhom żgħar sew u għadhom fuq is-siġġu l-għoli tat-tfal. Kien jaqbadni l-veru attakk nervuż u tgħidx kemm-il storja kont nivvintalhom biex inħajjarhom jieklu. Aktarx li, minn dak in-nhar, tħajjart nibda nikteb in-novelli! Għadni qiegħda narani, qisu issa, it-tifel jew it-tifla fuq is-siġġu, lest bil-vavalor madwar għonqu u jien quddiemu b'xi skutella brodu bl-għaġin irqiq nipprova nibda l-battalja. "Isa, isa ... iftaħ ħalqek għax ġej l-ajruplan ..." u mhux ajruplan wieħed u tnejn kienu jilħqu jgħaddu imma mijiet u xorta dak jisserra ħalqu u ma jridx jiftħu jew, jekk jiftħu, iħalli l-ikel idur ġo ħalqu u m'hemmx li jibilgħhu; bosta drabi jerġa' joħroġ flok jinżel!.

L-istess, jew kważi l-istess, storja jekk tipprova titma' lil xi anzjana bid-differenza li, għaliha, ma jgħoddux aktar l-istejjer tal-ajruplani u, allura, tipprova tinteressaha b'xi aħbar sabiħa biex, hekk, speċi ma tindunax li qiegħda tbellagħlha dak l-ikel. Ngħidilkom li, għalija, nippreferi naħsel l-art kollha ta' xi dar kbira, imqar art ħarxa kif kellna fiż-żmien, minflok nipprova nbella' l-ikel lil min ma jurix interess.

Ikollna nammettu wkoll, li bosta drabi, aħna l-anzjani ma nippruvawx ngħinu lilna nfusna. Trid tiftakar li ma tantx nitħabtu fil-faċendi tad-dar, enerġija ma nitilfux u, allura, l-aptit ma jinfetaħx. Niftakar li, bosta drabi, meta kont noqgħod l-Imsida, sewwa sew bieb ma' bieb mal-kunjata, jien isfel u hi fuq, kont nitla' xi ftit ħdejha dak il-ħin tal-ikel tagħha. U tgħidx kemm kont nindanna! Għax fejn tgħid li kont insibha qiegħda tiekol? Kellha kamra tal-pranzu armata pulita u dejjem nadifa imma hi ma tkunx hemm. Tkun qiegħda tiekol, bilwieqfa fi kċina żgħira li bilkemm tista' ddur fiha u tiekol minn ġol-borma jew turtiera biex, hekk, tiffranka li tħammeġ platt! Għiduli ftit, jista' jkun li jiġik l-aptit meta tagħmel hekk? Imma kien ikun kollu ta' xejn li ninsisti magħha u, wara li tlajt bosta drabi u nispiċċa ninnervja, qtajtha li ma mmurx ħdejha aktar f'dak il-ħin. Trid tiftakar li nafu nwebbsu rasna sew meta nikbru fl-età. Imma, waqt li qatt ma rnexxieli nipperswadiha biex tiekol bilqiegħda madwar il-mejda u taqleb l-ikel f'xi platt, dik ix-xena xorta swiet ta' ġid għalija għax baqgħet stampata f'moħħi tant li s'issa (għax hekk nista' ngħid) għadni ma waqajtx fl-istess storja jien ukoll.

Bi ftit tal-ħsieb, aħna stess nistgħu nippjanaw biex ngħinu lilna nfusna f'din il-problema ta' nuqqas ta' aptit. Ibda biex, meta nikbru aktarx li nsiru xi ftit għażżenin biex nippjanaw u hawn neħtieġu li nippjanaw minn qabel x'sejrin insajru biex inħajru l-aptit. Naf nies li, qabel idoqqu l-ħdax ta' filgħodu, ma jibdewx jaħsbu biex jiddeċiedu x'sejrin jieklu. Imbagħad x'jiġri? Jasal nofsinhar, tħossok iffjakkajt xi ftit imma għadek ma tafx x'ser tiekol. Tispiċċa tiftaħ il-friġġ, tara jekk baqax xi ħaġa minn tal-jum ta' qabel biex tiddobba biha u ħaġa bħal din mhix ser tiftaħlek l-aptit żgur. Inkella, tiftaħ xi landa tal-ikel u tirranġa xi ħaġa malajr malajr u, sadattant, marlek il-ftit aptit li kellek u tispiċċa ma tiekol xejn jew tieħu xi żewġ gidmiet biss. Tista' wkoll tispiċċa tieħu biċċtejn ħobż b'xi perżut jew biżżejt u t-tadam imma dan lanqas m'inti ser tieklu kuljum għax ikel li jkun l-istess idejjaq lil kulħadd.

Ma rridx infisser li għandna nippjanaw x'ser nieklu għal xi ġimgħa sħiħa għalkemm ħaġa bħal din ma fiha xejn ħażin ħlief daqsxejn ta' uġigħ ta' ras biex tippjanaha. Imma nistgħu, għall-inqas, nippjanaw għal jumejn. Infittxu li jkollna varjetà fl-ikla tagħna flimkien ma' kuluri differenti fil-platt. Ilkoll kemm aħna għandna l-ikel favorit tagħna imma lanqas m'għandna nispiċċaw nieklu dak il-platt xi tliet darbiet fil-ġimgħa għax żgur li nabborruh u ma nħarsux aktar lejh.

Waqt li aktarx ilkoll għandna dawk ir-riċetti li soltu konna nsajru meta konna familja akbar, b'daqshekk ma jfissirx li ma nistgħux kultant nesperimentaw b'xi ħaġa ġdida għal kollox. Għaliex le? Bosta drabi nispiċċaw nevitaw ix-xogħol u naqgħu f'ċerta indifferenza u għażż fejn jidħol it-tisjir u dan ma jgħinx. Riċetti ġodda nsibu kemm irridu fuq it-televixin, fil-ġurnali, fuq l-internet, eċċ. Ħin biżżejjed biex nesperimentaw għandna wkoll. Allura, għaliex ma nippruv awx?

Tgħinna wkoll jekk naraw quddiemna mejda lesta biex tħajjarna npoġġu madwarha. Mhux xi waħda li għadha mbarazzata b'salt platti maħmuġin jew xi borma li wżajna biex sajjarna. Din ma tħajrek xejn. Għall-kuntrarju, qis li l-mejda tkun nadifa, lesti sarvetta kbira jew tvalja żgħira u għatti dik il-parti fejn ser tpoġġi biex tiekol. Qis li tuża platti sbieħ, mhux dawk imċaqqmin u mxaqqin li jmisshom ilhom li ħadu l-pensjoni. Fuq kollox, għal min qed terfagħhom dawk is-settijiet ta' platti fini ta' ġol-vetrina? Naturalment, dawk biex il-werrieta jsibu fuq xiex jikkustinjaw. Lesti żewġ platti minn dawn il-fini, tnejn ċatti u tnejn tas-soppa, flimkien ma' platt ftit iżgħar għal ħobż, dak li l-Ingliżi jsejħulu *side-plate*, flimkien ma' xi skutella għad-deżerta. Ħallihom fejn tilħaqhom malajr fl-armarju u ibda uża lilhom.

L-istess għat-tazzi. U, la qegħdin insemmu t-tazzi, int tħobbu l-inbid? Dak jaf jiftaħlek l-aptit ukoll jekk tieħu mqar żewġt iswaba minnu, speċjalment l-aħmar li hu tajjeb ukoll għas-saħħa. L-istess aroma tiegħu tiftaħlek l-aptit. Oħroġ mill-vetrina żewġ tazzi, waħda tal-ilma u oħra tal-inbid u, ladarba ninsabu bil-vetrina miftuħa, oħroġ ukoll sett ta' pożati ġodda li ilhom hemm imsakkrin bosta snin. Il-mejda tkun tidher isbaħ jekk ikollok važun ċkejken b'xi fjura friska u, jekk tixtieq tkompli żżejjen, ixgħel xemgħa żgħira wkoll. Tħobbha xejn il-mużika? Idea tajba li jkollok radju b'xi mużika għaddejja waqt li tiekol. Hawn min jippreferi t-televixin. Affarik! Lili ma jogħġobnix waqt l-ikel. Wara dan kollu int tkun biddilt id-dehra ta' dik il-mejda li tkun qiegħda tistiednek biex tpoġġi madwarha.

B'dankollu, wara dal-ħafna kliem ta' kif tirranġa l-mejda, jista' jiġri li l-kamra tal-pranzu tiegħek, li ilek tiekol fiha bosta snin, issa dejqitek. Affarijiet żgħar dawn li jiġrulna u li jistgħu jkollhom riżultati li, bla ma nindunaw, ikunu qed jikkaġunaw burdata ħażina. Forsi għandek is-salott jew xi kamra oħra li minnha tista' tara veduta ta' ġnien jew tal-baħar jew tat-triq minn fejn tara l-ħajja għaddejja. Jekk inti tippreferi li tkun f'dik il-kamra, għaliex ma tlestix tavolina u tibda tiekol hemm? Inkella ġorr l-ikel fuq xi gabarrè u mur kul hemm. Basta ma tkunx xi soppa jew brodu jaħraq bil-periklu li tista' tinstamat. Tista' wkoll tixtri *trolley* ċkejken, jiġifieri mejda bir-roti u tqiegħed l-ikla kollha fuqha.

Aħseb minn qabel ukoll dwar x'ser tlesti għad-deżerta. Bosta drabi, ma jkollix l-iċken sinjal ta' aptit imma, meta niftakar li hemm xi deżerta favorita tiegħi, malajr nitħajjar nibda niekol. Sib deżerta li tgħodd għalik; forsi ma tistax tieħu żokkor jew ħalib, insomma, illum issib minn kollox, m'hemmx għalfejn tieħu porzjon ta' deżerta li minnu stajt tiekol għal ġimgħa sħiħa għax jeħtieġ li nkunu prudenti u nżommu l-bilanċ kemm minħabba saħħitna kif ukoll għad-dehra tagħna. Hawn min jinsisti li jieħu frotta wara l-ikel waqt li hawn min dik tqalliblu xi ftit l-istonku u, allura, bilfors ikollu jdur għal xi ħaġa ħelwa. Nirrepeti, inkunu prudenti fil-porzjonijiet.

L-aħħar kelma hija li nittama li inti m'intix waħda minn dawk li tħobb tnaqqar xi ċejċiet waqt li tkun qiegħda ssajjar inkella iteftef mill-ikel li qieġġda tħejji fit-taġen. Dan mhux ser jgħinek biex ikollok aptit xħin jasal ħin l-ikel. Nittama li mhux qiegħda tgħid li dawn huma kollha ħmerijiet. Afli mhumiex u, jekk tippruvahom, għandek mnejn tiskopri li mhux biss qiegħda tħajjar lilek innifsek biex tiekol imma li tkun bla sabar tistenna li jasal ħin l-ikel. *Bon appetit*!



# L-ILMA L-AQWA MEDIĊINA

**minn Marion Higgins DeBono**

Residenti f'Dar tal-Anzjani ġewwa raħal fl-Ingilterra ġew imħeġġa biex jixorbu l-aktar mediċina sempliċi li teżisti – l-ilma. Wara xi ftit taż-żmien, ġie rrappurtat tibdil tal-għaġeb f'saħħet ir-residenti tal-post. Anzjana ta' 80 sena li kienet issib wisq diffikultà biex timxi, wara li bdiet tixrob ħafna ilma, mhux biss bdiet toħroġ barra, imma talli hi tgħid li tħossha 20 sena iżgħar. Dan grazzi għall-klabb li għandhom f'din id-dar tal-anzjani. Dan il-klabb isejħulu il-'*Klabb tal-Ilma*'. Il-membri ta' dan il-klabb għandhom jixorbu minn tmienja sa għaxar tazzi ilma ta' kuljum. Għal dan il-għan, kull resident għandu l-ilma fil-kamra tiegħu jew tagħha kif ukoll hemm l-ilma pprovdut fil-kuruturi kollha tal-post. Bis-saħħa t'hekk, dan is-suċċess beda jixtered mhux ħażin fi djar oħra fejn hemm l-anzjani.

In-nuqqas ta' ilma jista' jfisser telqa fis-saħħa ta' dak li jkun. Dan iġib miegħu sturdamenti, konfużjoni, infezzjonijiet u anki waqgħat. Dan l-interess kiber mhux ħażin u l-awtoritajiet qegħdin jagħmlu kull mezz ħalli jisguraw biex, kemm jista' jkun, jintroduċu din l-iskema interessanti u siewja ma' kullimkien.

# Idea Żbaljata

**Storja ta' Carmen Dimech**

Louis kien quddiem il-mera, jirranġa xagħru, idur 'l hawn u 'l hinn, ilesti biex joħroġ. Meta deherlu li kien lest, ta l-aħħar daqqa t'għajn fil-mera u beda nieżel it-taraġ, x'aktarx b'pass imgħaġġel għax kien sarlu l-ħin. Fl-intrata, laqgħetu ommu, mara ta' xi 45 sena, armla imma fuq tagħha u bieżla kemm tridha. Filwaqt li qagħdet fin-nofs biex, bħal speċi, turih li trid tgħidlu xi ħaġa qabel joħroġ, bdiet b'leħen ftit u xejn żorr, "Louis, ser ngħidlek għall-aħħar darba; lil Marion m'għandekx xi tridha!".
"Uff ma, se terġà tibda? Issa drajtek bl-amment," waqqafha Louis, " għax Marion m'għandhiex erba' soldi ġmielhom; għax mhix tal-iskola daqsi; għax missierha bil-ħanut tal-laħam...".
"Imma ibni," tenniet ommu, "jien għall-aħjar tiegħek ngħidlek."
"Ara ma," reġa' Louis, "issa sarli l-ħin u rrid nilħaq il-*film*" qalilha filwaqt li għaddieha u ħareġ jgħaġġel 'il barra.

Louis kien ġuvni ta' 19-il sena. Spiċċa l-iskola primarja u l-istudji tiegħu fil-Liċeo u kien qiegħed jistudja l-lingwi. Ix-xewqa tiegħu kienet li jsir inġinier imma b'ommu dejjem iġġiblu l-ostakli, għall-ġid tiegħu, kif kienet tħobb tgħidlu, huwa qatt ma seta' jimxi 'l quddiem. Kien wasal fil-kantuniera x'ħin ra lil Marion tistennieh. Meta raha hemm wieqfa, b'xagħarha lewn id-deheb, wiċċha ħamrani, b'għajnejha ta' waħda li qiegħda tistenna lil xi ħadd li tħobb, Louis issaħħar iħares lejha u, filwaqt li mar fuqha, qalilha, "Ilek tistenna? Skużani għax domt daqsxejn."



"Ma jimpurtax," qaltlu hi waqt li ħarset lejh. Bdew mexjin imbagħad, wara ftit, kompliet, "Għax ma mmorrux passiġġata 'llum; inħossni li għandi aptit nitkellmu ftit."
"Mhux xorta?" weġibha Louis li kien jagħmel minn kollox biex jikkuntentaha.

Wara li kienu ilhom jimxu xi nofsiegħa, id-diskors waqa' dwarhom it-tnejn u hi qaltlu, "Ma taħsibx li wasal iż-żmien li ngħidu lill-ġenituri tagħna? Issa ilna aktar minn xahrejn inkellmu 'l xulxin u noħorġu flimkien u, jekk jindunaw tad-dar, mhux ma jieħdux pjaċir bik imma, taf int, ma jkunux iriduna niġġerrew barra waħedna." Louis ma xtaqx jgħidilha dak li kienet taħseb ommu dwar dan u, għalhekk, kien dejjem jirrispondi li għandhom iħallu ftit ieħor. Diġà kien se jibda jgħid hekk imma Marion kompliet tgħid, "Jien nixtieq nagħmel konoxxenza tal-mama' tiegħek. Nassigurak li nkun inħobbha u nirrispettaha u ngħinha f'kulma jkollha bżonn."
"Oqgħod," qalilha Louis, "qiegħda tiġini idea." Bejnu u bejn ruħu, Louis kien dejjem jhewden fuq l-istess ħsieb li, jekk ommu tkellem lil Marion, kien żgur li hija tieħu grazzja magħha u tibdel fehemtha. "Ara," reġa' hu, "ħu din iċ-ċavetta. Issa taparsi ninsiha għandek u int, għada, ġibhieli d-dar. Din isservik ta' skuża biex tiltaqa' mal-mamà u tagħmlu konoxxenza ta' xulxin b'mod informali. Tajjeb hekk?" Lil Marion għoġbitha l-idea għalkemm kienet tistħi tgħidx kemm imma, għal Louis, kienet lesta li tagħmel kollox. Sadattant, kien sar il-ħin biex jinfirdu u, wara li taw bewsa sinċiera lil xulxin, telqu t-tnejn lura lejn id-dar jaħsbu fuq l-għada.
L-għada Louis ħareġ bħas-soltu u, għalkemm dakinhar ma kellux għalfejn idum barra ħafna, baqa' ftit iktar milli kien jeħtieġlu għax ried jagħti ċans lil Marion tilħaq tasal qablu u twettaq il-missjoni li kienu laħqu ftehim fuqha fil-lejl ta' qabel. Kien ħsiebu fiha. Beda jinkwieta li ommu se tiksirha imbagħad żgur jitilfu kollox. Intant, ommu kienet qiegħda ssajjar u, peress li daqqa ġej tal-ħalib u oħra ġej tal-posta, il-bieb ġieli kienet tħallih miftuħ. Hekk kif kienet se tniżżel il-borma minn fuq in-nar, żelqet, waqgħet, instamtet u l-imsejkna ħassa ħażin u ntilfet minn sensiha. B'xorti tajba, kien eżatt dak il-ħin li waslet Marion. Ħabbtet darbtejn il-bieb imma ma wieġeb ħadd. Wara ftit, bdiet tisma' bħal qisu krib. Basret li seta' ġara xi ħaġa. Għaldaqstant, bexxqet il-bieb, li ma kienx magħluq, u dlonk tara lil omm Louis minxura mal-art. Billi Marion kienet attendiet kors ta' *nurse*, malajr għamlet dak kollu li kien hemm bżonn u, meta lestiet u l-mara bdiet ġejja f'tagħha, poġġietha bilqiegħda fuq sufan fil-qrib. Omm Louis riedet taf fejn qiegħda u x'kien ġara. Marion malajr fehmitha kollox u serrħitilha rasha. Il-mara bdiet tħares lejha u, malli stejqnet xi ftit ieħor, b'leħen miksur, qaltilha, "Int mhux it-tfajla li jkellem Louis? X'kien li ġejt hawn?" issoktat qiesa skantata.
"Għax Louis nesa ċ-ċavetta għandi u għidt aħjar innewwilhielu għax forsi jkollu bżonnha...".
"Jaħasra, l-Bambin bagħtek," qaltilha omm Louis, "kieku min jaf x'kien isir minni waħdi hawnhekk. Nitolbok taħfirli!"
"Naħfirlek ta' xiex?" staqsietha t-tfajla. Imma ma laħqux ikomplu għax dak il-ħin wasal Louis li, x'ħin daħal id-dar u sab dik ix-xena ma' wiċċu, inħasad u għamel pass lura. F'dawk il-ftit sekondi, elf ħsieb għaddielu minn moħħu dwar x'seta' ġara bejn

Marion u ommu sa ma wasal hu. "X'ġara ma?" staqsa.
"Tieħux qatgħa Louis," qaltlu Marion. "Il-mamà m'għandhiex ħwejjeġ kbar; instamtet daqsxejn. Jien għamiltilha li stajt imma issa aħjar jaraha t-tabib ukoll imma, fortunatament, ma ġralhiex affarijiet serji."

Wara li omm Louis fehmet lil binha b'dak li kienet għamlet magħha Marion, hija kompliet tgħidlu, "Ibni, nixtieqek tiskużani għal dak kollu li għidtlek qabel. Kellek raġun! Marion tifla mill-aħjar! Allaħares ma kinitx hi għalija għax kieku ma nafx x'kien isir minni."

"U jien ġibt aħbar oħra tajba," kompla Louis ferħan se jtir. "Minn għada, se nibda naħdem fil-linja li dejjem xtaqt." Ħares lejn Marion u, bi tbissima, għemiżha. Baqgħu jitkellmu ftit ieħor u, meta Marion sarilha l-ħin, sellmet lill-mamà u, waqt li din reġgħet irringrazzjatha, stednitha tiġi meta trid għax il-bieb dejjem huwa miftuħ għaliha. Louis wassal lil Marion sad-dar u, qabel infirdu, għannaqha miegħu u qalilha: "Għada niġi jien għand il-mamà tiegħek biex insir nafkom jien ukoll." Fit-triq lura lejn id-dar, Louis baqà jhewden, jistgħaġeb u jiskanta kif mara tista' tibdel fehmitha daqshekk malajr.

# XJUĦITI U L-FILMS WESTERN

**Kitba ta' Paul J. DeBono**




Illum li rfist l-għatba ta' xjuħiti, inħares lura lejn dak iż-żmien li għadda qisu ħolma. Inħares lejh b'nostalġija u, fl-istess waqt, inħoss għafsa ta' qalb li qatt mhu se jerġa' jiġi iżjed. Inħoss ukoll li l-ġibdiet tiegħi lejn il-ħajja nbidlu mas-snin. Qabel ma faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, konna noqgħodu Bormla. Tlaqna meta jien għalaqt 6 snin. Ma niftakarx li qatt rajt *film western* imma baqgħu stampati f'moħħi *films* kollhom kant bħal ta' Nelson Eddie, Maytime u Firefly. Tant kienu sbieħ li, minkejja li gerrbu s-snin, għadni nħoss il-ħlewwa tagħhom.

Kelli dawk id-9 snin meta, imħeġġeġ minn missieri bdejt naqra. Miskin, kemm kien jisħaq li, jekk ma naqrax, ma jkollix ħila nikteb komponimenti tajbin. Fuq parir ta' ħija Ġużi, bdejt nitħabbeb ma' Jules Verne li sar l-akbar ħabib ta' tfuliti. Iċ-ċinema ftit li xejn kont immur. Biex immur, riedu joħduni l-ġenituri jew ħija. M'hemmx ħtieġa li ngħid li dejjem ħaduni *films* li kienu jgħoddu għat-tfal. Sa minn dik il-ħabta, bdejt tant nieħu pjaċir meta nara xi *film* bi sfond ta' avventura. Niftakar darba rajt film ta' Roy Rodgers u dak il-ġiri sfrenat biż-żwiemel tant beda jogħġobni. Darba oħra, meta konna għadna refuġjati B'Kara, fit-teatru Roxy rajt l-ewwel *film western*. Kien fuq ġemgħa ta' ħallelin libsin l-iswed u, f'nofs sidirhom, kellhom imwaħħla ras ta' mewt, magħmula bi drapp abjad. Kif mistenni, kollha kienu rikbin żwiemel ġerrejja. Ma nafx għaliex, imma ftit li xejn ħadt grazzja ma' din ix-xorta ta' *films*.

Meta sirt żagħżugħ, jien u l-kuġin konna niltaqgħu il-Belt. Kull nhar ta' Ħadd, konna mmorru naraw *film*. L-aktar li kont inħobb nara kienu *films* bi sfond storiku jew dawk *safari* u anki xi *detective story* ukoll. *Films* ta' varjetà ftit kelli ġibda lejhom. Biex inkun eżatt, ma kontx nidħol nara *film* jekk inkun naf li kien *western*. Gieli dħalna naraw wieħed, jew għax kienet tkun ix-xita jew għax ma kienx ikollna fejn immorru. Darba, niftakar, dħalna naraw Viva Zapata li kien *film black and white*. Kellu suġġett tajjeb ħafna u tant għoġobni. Kien parti mill-istorja tal-Messiku imma, madankollu, l-*westerns* xorta ma sarux il-*films* favoriti tiegħi. U hekk baqgħu, sa ftit snin ilu!

Ma nafx għaliex imma, malli t-*television* beda bil-kulur, kultant bdejt nara xi *western* u bdew jogħġbuni wkoll; l-aktar meta jkun ta' John Wayne li, f'daqqa waħda, sar l-attur li tant bdejt nammira. Issa, l-*films western* bdejt inħares lejhom b'lenti oħra; bdejt napprezzahom iżjed, l-aktar dawk bi *plot* tajjeb kif ukoll dawk li, fihom, l-istorja tagħmel parti tajba.

Wieħed mill-ewwel *westerns* li tassew tgħaxxaqt nara kien Vera Cruz, ambjentat, bejn wieħed u ieħor, madwar is-sena 1863 meta Maximilian kien maħtur Imperatur tal-Messiku. Hekk ukoll kont infittex *films* fuq l-irvellijiet fil-Messiku u fl-Amerika t'Isfel. Imma baqgħu l-aktar għal qalbi dawk li seħħew fil-*Wild West*, f'dak il-beraħ bla tarf, qalb dawk il-muntanji u l-iġbla ta' lewn ħamrani-samrani kif ukoll, xejn anqas, il-ħajja fil-bliet ċkejknin biż-żwiemel u l-kerettuni għaddejjin. Atturi oħra li sirt inħobb kienu Clint Eastwood u Anthony Quinn. Hemm *films* li huma klassiċi bħal Shane, The Brave Ones, The good, the bad and the ugly, Cimmarron u The Alamo. It-Taljani wkoll tħajru jaħdmu *films* ta' din ix-xorta li saru magħrufin bħala Spaghetti Westerns. Lil Bud Spencer u Terence Ħill tant inħobb narahom; l-aktar fejn tidħol xi ġlieda u daqqiet ta' ponn. Kos, qiegħed ngħid, kif jinbidlu ż-żminijiet hux u kif aħna wkoll ninbidlu magħhom! Mur obsor eh li, fi xjuħiti, kelli nsir tant inħobb il-*westerns*!

# Mill-ktieb tat-tifkiriet 'Fjuri li ma Jinxfux'

**Kitba tal-Prof. Oliver Friggieri**

# Fil-knisja filgħaxija qabel ma tagħlaq

Kienu xi s-sitta u n-nofs ta' filgħaxija. Il-knisja kienet kważi vojta, għajr il-ftit nies imqassmin mal-korsija u fuq il-ġnub, maqtugħin għalihom weħidhom fuq siġġu tas-soda, jitolbu u jitolbu mingħajr waqfien. Id-dwal il-kbar tal-knisja kienu diġà ntfew u kien hemm il-kjaroskur tax-xama' jixgħel madwar il-knisja kollha, ftit fuq l-artali, ftit quddiem l-istatwi. Il-ħemda kienet fl-aqwa tagħha. Missieri mar iġib żewġ siġġijiet tas-soda (kienu jkunu mqegħdin fuq xulxin f'rokna tal-knisja) inxteħet bil-qiegħda fuq wieħed minnhom u lill-ieħor qiegħdu quddiemu mgħolli mis-saqajn ta' quddiem u jserraħ fuq is-saqajn ta' wara, b'mod li seta' jqiegħed idejh fuqu biex jinviżta lil Ġesù Sagramentat. Il-viżta kienet talba magħmula minn Missierna, Sliema u Glorja mtennijin għal ħames darbiet u mbagħad l-istess "skond il-fehma tal-Papa". Il-viżta kien jagħmilha billi jiftaħ idejh it-tnejn beraħ, qisu se jilqa' lil xi ħadd fi ħdanu u jserraħhom fuq kull ġenb tad-dahar tas-siġġu ta' quddiemu. It-talba kienet tingħad b'mod li jismagħha min ikun qiegħed jagħmilha. Għalhekk, il-knisja kienet tidwi bit-tgedwid tan-nies jitolbu.

Dak in-nhar ukoll jien inżilt għarkobbtejja u bdejna nitolbu. It-talb tagħna dik il-lejla kien b'radd ta' ħajr lil Alla talli kollox kien għaddieli. Wara l-viżta lil Ġesù Sagramentat missieri qam u jiena mxejt warajh lejn in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju, għedna xi ħaġa quddiemha u mbagħad morna quddiem in-niċċa tal-"Ecce Homo" (il-Wiċċ ta' Kristu, l-Aċċjomu, kif kienu jsejħulu niesna) u fl-aħħar quddiem in-niċċa ta' San Publju.

Kien diġà beda jinstema' ċ-ċekċik taċ-ċwievet ta' Toni l-Fixu, is-sagristan. Il-Fixu kien raġel qsajjar, mibrum ġmielu, wiċċu tond u mfaqqa' b'par ħaddejn imdaqqsin, bis-sidrija u bla ingravata u bla ġlekk, qargħi, b'qalziet skur u bi qmis bajda. Matul il-quddies kellu biċċa xogħol iebsa, idur ma' kulħadd biex jiġbor is-sold tan-nies, jew inqas ukoll. Is-sold kien il-munita żgħira l-aktar komuni, għalkemm kien għad hemm fl-idejn il-munita tas-sitt ħabbiet ukoll. Dawn kienu l-flus li kienu jinxeħtu min-nies matul il-quddiesa fil-kopp ta' Toni l-Fixu. Kien joħroġ b'kopp tal-pannu aħdar, b'lasta twila li tlaħħaq man-nies u f'id waħda magħquda bħala ponn kien iżomm ħafna sittiet (sitt ħabbitijiet) biex jagħti l-bqija ta' sold, li kien fih żewġ sittiet. Huma u jixħtu l-munita fil-kopp, in-nies kienu juruh jekk ridux il-bqija jew le.

Ġie li konna naraw lil Toni jieqaf mix-xogħol u jistrieħ fuq siġġu u jibda jitlob. Kien iħalli ċ-ċwievet fuq is-siġġu ta' quddiemu u jingħaqad fil-kor tan-nies jitolbu, li kienu jħallu ħoss ta' tpespis imħaxwex, kontinwu, matul il-knisja kollha. Kont nissaħħar nisimgħu dak il-ħoss f'dawk il-waqtiet kwieti ta' filgħaxija. Sigħat qabel, Toni kien ikun ħareġ mis-sagristija b'qasba twila twila f'idu, b'daqsxejn ta' gandiletta fuq nett tixgħel u tħalli riħa minn fjamma ħoxna. Biha kien jixgħel ix-xema'.

Iżda issa, illejla, kien sar il-ħin u lil Toni kien wasallu l-ħin li jagħlaq il-knisja. Għalhekk, rajnieh ħiereġ mis-sagristija bl-istuta, biex jitfi kull fjamma li kien għad hemm. Beda jdur ix-xema' twil kollu u jdaħħal l-istuta f'kull waħda. Id-dlam beda jikber u jikber. L-istuta kienet għax-xema' twil u fil-għoli, waqt li għax-xemgħat iż-żgħar u l-lumini Toni kien jinqeda b'idejh. Kien jagħfas żewġ swaba' mal-ftila u l-ftila tintefa. Ftit duħħan, ftit riħa, u dlam ġdid.




Huwa u miexi matul il-korsija beda jċekċek iċ-ċwievet bħala sinjal li l-knisja kienet waslet biex tagħlaq. Issa tisma' l-bieb ta' dik in-naħa jissakkar u issa tistenna li jmiss lill-bieb l-ieħor u l-knisja kollha ssir baħħ. Kien iħalli jixgħel il-lampier il-kbir quddiem is-Sagrament, li kellu jibqa' jnemnem waħdu l-lejl kollu b'qima lejn Ġesù Sagramentat.

Toni l-Fixu kien ikun fl-aqwa tiegħu fil-jiem tal-festa ta' San Publju. Kien jilbes pulit daqs qatt qabel, ixidd ingravata ħamra u jehmeż qronfla mill-ħomor nett fuq il-pavru, il-qronfla tal-martri, kif kienu jsejħulha. Hekk kienu jagħmlu ħbiebu l-oħra ta' madwar il-knisja, bħal Manwel Attard (l-Abjad), Toni Grima (Venutu), u Toni l-Bomba.

Bqajna nitlajjaw fil-knisja sal-aħħar, missieri jitlob u jiena nistennieh jispiċċa, ladarba t-talb li kelli ngħid kont diġà' għedtu. It-tfal jitolbu ftit u bil-għaġla. Ħriġna mill-knisja fi dlam ċappa u ġejna wiċċ imb wiċċ ma' Toni l-Fixu fil-bieb imbexxaq. Laqagħna bi tbissima u bil-ħoss taċ-ċwievet.
"Tal-aħħar illum, Charlie," qal Toni l-Fixu lil missieri.
"Tal-aħħar. Għadni kemm ħadt lit-tifel għand it-tabib għax kien se jifga *f'chewing gum*'."
"Isma', x'kull waħda! U issa kollox sew?"
"Kollox sew, issa, imma laħaq tani qatgħa."
"Oqgħod bil-għaqal, ruħi," qalli l-Fixu, "għax ma tafx kif tiġi."
"Qed tara, anki Toni qiegħed jgħidlek l-istess!" Sekondi wara smajna l-firroll ta' fuq tal-bieb tiela' u l-firroll ta' isfel nieżel u mbagħad l-istaneg kbar deħlin f'posthom fuq kull naħa u t-tidwir twil fis-serratura. Stajna nisimgħu kollox għax missieri kien wieqaf biex iqabbad sigarrett. Xi ħaġa li tgħallimhielek minn kmieni l-esperjenza u li mbagħad tgħallimhielek bil-modi tagħha l-letteratura: it-tfulija hi ż-żmien deċiżiv tal-ħajja u m'hemm xejn, lanqas l-edukazzjoni, li jista' jkun aktar qawwi u influwenti minnha. Fit-tfulija jinkisbu l-ewwel impressjonijiet, jissawru l-ewwel għażliet, jinfetħu l-ewwel toroq persunali. Inħares lura u ngħid li kull bniedem jgħix u jikber biex jagħmel il-kontijiet ma' tfulitu, waqt li kull kittieb jikteb biex jirrakkonta tfulitu.

Bejn id-dar u t-triq, bejn l-iskola u l-knisja, din kienet ħajjitna fis-snin ħamsin, u hekk baqgħet għal żmien twil wara. Minn kull waħda minn dawn l-erba' għejjun xrobna kemm stajna, u naħseb li kienet xarba waħda, togħma waħda li qatgħet għatx wieħed.



# TISLIBA Nru.76

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**

1. Annimal felin domestiku (6)
5. Taħlita ta' qatran u ramel (6)
10. Nemla Ngliża din (3)
12. Borma mħawda din? (5)
14. Kull makkaniżmu li jħaddem (5)
15. Annimali tal-baħar li mal-mess jaħarqu (4)
16. Newwel, qassam (2)
17. Nieqes minn imġieba tajba (5)
19. Insetti żgħar li jgħammru fi qtajja taħt l-art (5)
22. Xogħol li waqa' b'lura (8)
24. ...Baba (3)
25. Qatgħa ħbieb (6)
28. Issopona, induna (5)
31. Isem ta' raġel magħruf bħala ...tal-Għarb (5)
33. Għandu pil fin (7)
35. Petri mħawwad?! (5)
37. United Nations (11)
38. Moħħu hemm, Qiegħed isegwi (6)
39. Biżbetika, żorra (5)

**Weqfin:**

2. L-isem tal-ewwel mara President ta' Malta (5)
3. Tramm Ingliż (4)
4. Libsa sewda li jilbes qassis (7)
6. Ħabta (5)
7. Kunjom Malti ta' Salvinu! (6)
8. Aktar minn żarbun wieħed (6)
9. Waħda mill-erba' rkejjen fi grawnd (6)
11. Lewża Ngliża din (3)
13. Tfaqqigħa tal-idejn b'sinjal ta' ferħ (7)
18. Massaġġar, Tiċpis (4)
20. Temp ikraħ (7)
21. Nofs elieġa (3)
23. Hekk hu, verament (9)
26. Il-lampa tas-saħħar....! (6)
27. Biċċa għamara b'żewġ bibien (6)
29. Imwaqqa', distrutt (6)
30. Żagħżugħa (6)
32. Trasparenti, mhux skur (3)
34. Irrabjat, fastidjat (5)
36. Frott iswed bnin (3)

**Premju:** It-Tislibiet tajba li nirċievu bil-posta sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-Fuljett jitilgħu bil-polza biex jingħata l-premju ta' □10.

Il-Premju ta' Tisliba Nru.75 intrebaħ mis-Sinjur Salvu Attard (San Pawl il-baħar) **Prosit !**

---

**SOLUZZJONI TA' TISLIBA TAL-ĦARĠA Nru.75**

**MIMDUDIN:** 1.pespus 5.sprall 10.sir 12.pront 14.saħħa 15.Tito 16.ra 17.trabi 19.rotta 22.antikwat 24.ram 25.German 28.ċriev 31.trevi 33.ġentlom 35.dlonk 37.aa 38.intant 39.farsa

**WEQFIN:** 2.erett 3.pass 4.serħan 6.pront 7.lanżit 8.nħatar 9.sparat 11.iar 13.trapani 18.samm 20.tremend 21.tar 23.kuċiniera 26.nzikka 27.faġani 29.vampir 30.atturi 32.ivo 34.lapes 36.nat



# Christmas Traditions

**by Carmelina Grech**



The fever of Christmas experience kicks off after settling down from the long, hot summer vacation to the routine of everyday life. Dreams and expectations cross our path, puzzled with joy and sorrow but, as the proverb reads, "every cloud has a silver lining" and let there be peace and love in our heart during Christmas time.

From every corner of the world, the Nativity feast is marked by various celebrations. Three different aspects are presented: social customs, family celebrations and religious ceremonies. From the Middle Ages to date, the living cultural tradition inherits and borrows from the different cultures it encounters, despite the ever-changing evolution of tradition, due mainly to history and changes of mentalities. When we carry on the Christmas tradition, we perpetuate the true meaning of Christmas.

The focus of the Celebration of Christmas is on the gift: the gift given and the gift received. Some surprise us! They seem to come natural; a gift acquired. Others are given by loving hands, humble treasures ideal for that one person, perfect in relating our fondness. Often, we struggle to give presents, hoping to find a "real" gift. Occasionally, we do, at times, we don't. However, each effort to give a present, and each present, humble or grand, if it is given in affection, transforms a moment of life into the Christmas story, brings a moment of incarnate love, a glimpse of the mystery of a simple life as it is preached in the Bible. Christmas, this season of gifts, tell us of selfless generosity and in gift-giving, especially for a worthy cause, create us participants of this redemptive season.

The Nativity icon brings together Mary, Joseph, the Christ Child, the Shepherds, the Angels and the Epiphany - the Wise Men. The word Christmas, derived from the English term "*Christes masse*", means Christ's mass celebrated. Christians, all over the world, celebrate this festival although their customs and traditions may differ. Christmas Day, the celebration of the birth of Jesus Christ, comes annually on the 25th of December.

Representations of the birth of Christ multiplied from the fourth century, particularly in books like Psalters which were used during the liturgy. Traditional Christmas activities include the Pantomime, singing carols, making and giving gifts, sending cards to family and friends and enjoying festive dinners and parties. But there are certain symbols associated with the festival and each symbol holds significance. By means of the *Advent Wreath,* one candle is lit on the wreath each Sunday before Christmas (for four Sundays) in anticipation of Jesus Christ's birth. *Angel* on the Christmas treetop represents the angel heralding the shepherds of the birth of Jesus. *Church bells* announce the birth of Jesus. *Lighting candles* represent the light that Jesus brought to the world; the *Camels* represent the animals that the three Wise Men rode while following the *star* that led them to Jesus. The *crib* shows the birth place of Jesus and the *Donkeys, Lambs* and *Cows* were close to Jesus to warm him up at the time of His birth.

Families hang the *holly* over their doors to symbolize a home in which Christ's birth is celebrated. *Mince pies,* full of spices and fruits, represent the exotic treasures of the East that the Wise Men brought to Jesus. The *Mistletoe,* a sprig of evergreen plant hung at Christmas time, is reminiscent of a custom when people kiss each other standing under it.

More and more, Christ is being removed from Christmas by a society that loves to celebrate, give gifts and talk of love and sharing but does not know the basis for it all. Christians do not ask that the meaning of other celebrations be removed, yet, to accommodate others, we have been asked to replace Christ with Santa Claus and other meaningless symbols. An English tradition welcomes Santa on his home visit by providing one home-made cookie, or mince pie, usually some milk a carrot or two for the reindeer and quite a few mummies prefer to leave a glass of sherry for Santa. We now call the celebration a "holiday" instead of Christmas. Society may talk about Santa and how he symbolizes good and the giving of gifts but no one can replace the true meaning of Christmas and the greatest gift ever given to this earth and its people - Jesus Christ.

Christmas is rich in meaning to Christians! Discover for yourselves the true meaning of Christmas and of the God Who loves you. **A Merry Christmas to you all.**

